
MONS SION
IN JERUSAL

B'TIFKIRA TAZ-ZJARA

TAL-PAPA PAWLU VI

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*



Il-Għaxar Sena APRIL-ĠUNJU, 1964. Għadd 2.

LEHEN

# L-ART IMQADDSA

QARI

LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR

MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA



**Il-Ghaxar Sena** **APRIL-GUNJU, 1964.** **Ghadd 2.**

X'FIH DAN IL-GĦADD

Fuq Din Il-Ħarġa ... ... ... ... ... ... (*Editorjal*).

*Iż-Żjara Tal-Papa Pawlu VI Lill-Art Imqaddsa*

1. Tluq minn Ruma ... ... ... ... ... ... ... 34
2. Wasla F'Għammân ... ... ... ... ... ... ... 35
3. Fuq Xatt Il-Ġurdân ... ... ... ... ... ... ... 36
4. Waqfa Żgħira F'Betgħanja ... ... ... ... ... ... 37
5. Rewwixta ta' Ferħ U Vija Sagra ... ... ... ... ... ... 39
6. Il-Quddiesa u L-Laqgħat ... ... ... ... ... ... 41

*Il-Papa Jżur Israël*

7. Il-Laqgħa F'Megiddo ... ... ... ... ... ... 45
8. F'Nazaret ... ... ... ... ... ... ... ... 46
9. Kafar-Nahum U Ma'Dwarha ... ... ... ... ... 48
10. Mill-Ġdid Ġerusalem ... ... ... ... ... ... 50
11. F'Betlehem ... ... ... ... ... ... ... ... 53
12. Tluq lejn Ruma ... ... ... ... ... ... ... 55

*Żjiediet*

Żjieda "A". Kliem tal-Papa f'Bab il-Għamûd ... ... ... 57
Żjieda "B". Kliem tal-Papa f'Nazaret ... ... ... ... ... 58
Żjieda "C". Kliem tal-Papa F'Betlehem ... ... ... ... 61

*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# FUQ DIN IL-HARGA

*Billi Malta tajjeb jew ħażin, pajjiż Kattolku, mija fil-mija; u billi ż-Żjara ta' Ras il-Knisja Kattolka, Papa Pawlu VI, lill-ART IMQADDSA, hija ġrajja waħdiena fl-Istorja — għax hi l-ewwel, mit-twaqqif tad-Din Nisrani sal-lum — aħna, l-Editur u l-Istaff ta' dan-naqra ta' "Qari", ħsibna li l-gazzetti ta' Malta kienu sa jxandru, jum b'jum, fejn mar, x'għamel u x'qal il-Papa, fiż-żmien li dam il-Palestina. Għal hekk konna qtajna li nxandru l-aħbar taż-Żjara fil-qasir, biex ma ntennux dak li n-nies kienu laħqu qraw. Imma wara rajna li konna "għaddejna l-flieles qabel faqsu", għax il-gazzetti ta' Malta aktar għoġobhom jimxu fuq tal-Ingilterra, li ġiebu ftit aħbarijiet fuq iż-Żjara tal-Papa, milli fuq tal-Italja, li xandru l-ġrajjiet kollha bir-rqaqat, u l-fehmiet ta' min kiteb ukoll.*

*Għal hekk, malli rajna dan, qbadna qabda gazzetti Taljani u ftit Ingliżi u ġbarna mninhom, bis-sabar — u bil-għaġla; għax aħna tfal tax-xogħol, u żmien ħâli jkollna ftit—il-kitba li taraw f'dan il-għadd. Sibna tfixkil filli r-"reporters" Taljani kienu ħafna, u kull wieħed minnhom kellu xogħol: min jikteb x'isir barra l-knisja; min ġewwa l-knisja; u min imur fil-karozza, mal-ġilwa tal-Papa, jikteb x'isir fit-triq. Għal hekk aħna kellna nagħmlu bħal* jig-saw puzzle, *inlaqqgħu biċċa-biċċa, u nagħmlu kollox ħaġa waħda, u noħorġuha ktieb. Sibna wkoll tfixkil ieħor żgħir, u sewwejnieh. Dan kien li r-"reporters" l-ART IMQADDSA ma k i e n u x jafuha sew, hekk għeltu kemm il-għalta, għad li m'hux għal bil-għan. Bħal kieku: wieħed qal li Ġebel iż-Żebbuġ jinsab Betlehem (waqt li hu jinsab fix-Xerq, ħdejn Ġerusalem); li l-Papa qaddes fuq il-Kalvarju (waqt li qaddes isfel, quddiem il-bieb tal-Qabar. Tala' l-Kalvarju wara l-quddies); li fil-Għar ta' Betlehem, jisimgħu kliem il-Papa kien hemm Insara, Misilmin, u Lhud (Lhud ma jstax ikun li kien hemm. Għax Betlehem jinsab fil-Ġordânja, u fil-Ġordânja kollha ma hemm ebda Lhudi). U għaltiet oħra bħal dawn, li sewwejniehom malajr, għax dik l-art, aħna nafuha sew.*

*Sibna wkoll tfixkil ieħor, kbir ġmielu, li sa ngħidulkom bih mill-ewwel, għax neħelsu minnu għal kollox ma stajniex. Dan hu l-qlib għal Malti ta' kliem il-Papa. Il-kliem li qal il-Papa Pawlu VI, Ras il-Knisja, kien l-aktar għal Kbar-il-Kbar, għan-nies ta' qagħda kbira u hemmija, biex jifhmuh, iqisuh u jiżnuh u jixtarruh. Għal hekk mimli bi ħsibijiet għolja u kliem magħżul ta' daż-żmien, ta' Filosofija u Teoloġija, u għelm ieħor ta' dak il-mejl. Il-lsien ta' Malta huwa lsien qaddis u l-lsien qadim, imma m'hux ilsien irqiq. Hu lsien tal-bdiewa, tar-rgħajja, tas-sajjieda, u fil-qasir, tal-ħaddiema tal-idejn, m'hux tal-fellejja tal-ħsebijiet.*

*Għal hekk kellna nitqannew u nqabblu kliem il-Papa mill-aħjar li nistgħu mal-Malti, imma li naqalbuh "ad litteram" sibniha li hi ħaġa li li ma tistax tkun. Mela min jaqra nitolbuh li jżomm quddiem għajnejh li fejn imiss kliem il-Papa, ma jsibx qlib bir-reqqa, imma jsib TAQRIB.*

*Li għedna, naħsbu li hu biż-żejjed, biex il-qarreja tagħna jkunu jafu l-kif u l-għala ta' din il-ħarġa, li hi xorta oħra mill-oħrajn.*

*ID-DIREZZJONI.*

# Iż-Żjara tal-Papa Pawlu VI lill-Art Imqaddsa

Fil-egħluq tat-Tieni Qagħda tal-Kunċilju Ekumeniku, is-sena l-oħra, 1963, il-Papa, bla ma ħadd kien jobsor stqarr il-ħsieb li kellu li ftit jiem fuq il-Milied imur jagħmel Żjara ta' Penitenza lill-Imkejjen Imqaddsa tal-Palestina. Għal hekk, bil-għaġla kollha bdew it-tħejjijiet. Nies kbar, mill-Palestina bdew imorru Ruma għal ftehim, u bil-maqlub: minn Ruma jmorru l-Palestina. Wara ftit żmien ixxandret l-aħbar li l-Papa kellu jitlaq minn Ruma għall-Art Imqaddsa fil-4 ta' Jannar fil-għodu, u jarġa' mill-Art Imqaddsa għal Ruma fis-6 tax-xahar.

1. *Tluq minn Ruma.*

Fil-għodu bikri, meta kien għadu d-dlam, fil-4 ta' Jannar, din is-sena, il-Għassiesa tal-Papa kienu fil-bitħa l-kbira tal-Palazz Apostolku f'Ruma, ma'dwar il-karozza jistennew lil Papa. Ftit qabel is-7 niżel hemm huwa wkoll, liebes l-abjad u f'rasu kallotta bajda, bil-kappell f'idu. Kien hemm ukoll weqfin mal-ħitan żewġ saffi ta' Ġendarmi lebsin l-uniformi u kompanija tal-Għassa Palatina, bil-bandieri u bl-istrumenti taddaqq. Il-Papa rikeb fil-karozza u beda jsellem bit-tixjir ta' jdejh lin-nies li kienu ma'dwaru. Il-banda daqqet marċ u l-karozza telqet, u l-Papa dejjem isellem b'idejh lin-nies (l-aktar tal-Għassa Svizzera u l-ħaddiema tal-Belt tal-Vatikan), li kienu nġabru hemm u qagħdu għar-rkubtejhom biex iberikhom u biex jagħtuh is-*safra t-tajba*.

Qabel ma qasam mill-Belt tal-Vatikan għal Ruma, il-Papa waqaf ftit sa kemm il-Ministru tal-Barrani, Signor Saragat, tah is-*Safra t-tajba*. Fi Pjazza San Pietru kien hemm għadd kbir ta' nies miġbura biex isellmu lil Papa Pawlu VI, għal hekk ix-xufier saq bil-qajl u għadd ta' nies resqu mal-karozza, jsellmulu u jċapċpu jdejhom. Quddiem il-Ħabs ta' *Reġina Coeli* kien hemm id-Direttur u għadd ta' Ħabsin miegħu, li wkoll bdew iċapċpu jdejhom u jsellmulu. U hekk baqa' jsir ma' tul it-triq kollha, minn Ruma sal Ajrudrom. Il-Papa kellu jasal l-Ajrudrom fit-tmienja imma wasal meta kienu t-tmienja u seba' u għoxrin.

Kienu hemm jistennew il-President tar- Republika Taljana Signor Segni u l-Kbarat tal-Gvern Taljan, li malli l-Papa wasal resqu jgħaġġlu lejn il-karozza tiegħu u ħadulu b'idu. Ukoll is-Soċjalista Nenni ħa b'id il-Papa, xtaqlu *s-safra t-tajba* u bieslu l-fossa tal-ħatem ukoll. Il-President Segni qara lil Papa ftit kliem tal-*Addio* u l-Papa wieġbu għalih. Imbagħad mexa lejn l-ajruplan, li kienu minn qabel rekbin fih il-Kardinal Tisserant u Monsinjur Dante. Qabel ma tala' fuq l-ajruplan, besulu jdejh il- President tal-Kompanija "Alitalia" u l-membri tal-ekwipaġġ. Il-Papa tala' t-taraġ u daħal fl-ajruplan. Tqabbdet il-makna u wara ftit l-ajruplan telaq;

u telgħu wkoll isieħbu l-ajruplan tal-Papa tmien ajruplani "fighters" li taru miegħu erbgħa minn kull naħa.

Għal ħabta tal-10 l-ajruplan wasal fl-arja tal-Greċja u Pawlu VI bagħat tislima lir-Re Grieg. Ftit wara waslet aħbar mill-Ajrudrom tal-Ġordanja li fuq Għammân kien hemm iċ-ċpar, u li jekk ma jirtefax iċ-ċpar, jaqbel li l-Papa jinżel Bejrut, u jtir minn hemm b'ajruplan żgħir għal Għammân (*) Fil-għaxra u nofs l-ajruplan wasal fuq il-gżira ta' Rodi u fil-ħdax u għoxrin wasal fuq Nikosija, Ċipru, u l-Papa bagħat tislima lill-Isqof Makarios il-President tar-Repubblika ta 'hemm. Kif kien fl-ajruplan il-Papa ha *breakfast*: ħaxix mgħolli, isdra tat-tiġieġ, u frott.

## 2. *Wasla f'Għammân.*

Meta l-ajruplan tal-Papa kien qorob sewwa lejn Libnân, waslitlu l-aħbar li fuq l-Ajrudrom ta' Għammân iċ-ċpar kien qiegħed jirtafa' u li issa kien l-ajru ċar biż-żejjed biex jinżel hemm. Għal hekk l-ajruplan tal-Papa tar titjira fuq Bejrut, il-belt il-kbira ta' Libnân, u l-Papa bagħat tislima lil President ta' hemm, Fuwâd Xehab, u baqa' sejjer lejn il-Ġordanja. Wasal Għammân f'nofs inhar u ħames minuti, billi kiseb iż-żmien għax żied fis-sewqan.

Sa minn qabel dan il-ħin, ir-Re tal-Ġordanja, iż-żagħżugħ Ħusejn, flimkien mal-Ministri u l-kbarat tiegħu, k i e n wieqaf fl-Ajrudrom jistenna l-wasla tal-Papa. Il-*Pavilion* tal-Ajrudrom kien imżejjen bil-bandieri tal-Vatikan u tal-Ġordanja u mdawwar b'ġemgħa kbira ta 'nies, miżmuma fi mkienhom mill-Pulizija. L-ajruplan hareġ mis-sħab u beda nieżel. Ir-Re Ħusejn tala' fil-*Control Tower* u mexxa huwa n-nifsu n-niżla tal-ajruplan (billi huwa wkoll fizzjal tal-ajru imħarreġ sewwa), u għaġġel mar fejn kien qabel biex jilqa' lil Papa. Tressaq it-taraġ tal-injam u l-bieb tal-ajruplan infetaħ u deher hemm il-Papa, liebes l-abjad, li rafa, jdejh lejn is-sema b'tiżżija ta' ħajr u barka. Stemgħu jidwu wieħed u għoxrin tir ta' kanun u f'daqqa mill-ġemgħa tan-nies stama' ċ a p ċ i p ta' jdejn u għajjat ta' merħba. Il-banda tas-suldati Ġordanija daqqet l-Innu tal-Papa u warajh l-Innu tar-Re.



*Ħusejn I, Re tal-Ġordanja.*

---

* Meta deher li l-ajruplan tal-Papa aktarx li ma jkunx jista' jinżel Għamman, fl-Ajrudrom ta' Bejrut, Libnan, tħejja ajruplan żgħir biex jekk il-Papa jinżel hemm, jirkeb fih u jitlaq lejn il-Ġordanja, għax ajruplan żgħir sata' jinżel fl-Ajrudrom ta' hemm.

Fil-waqt, il-Ministru tal-Barrani f'Libnan, Filip Tekla, telaq bil-għaġla lejn l-Ajrudrom biex iħejji malajr xi ħaġa bħala ċerimonja għal-laqgħa tal-Papa, u erba' kelmiet ta' merħba.

Il-Papa mbissem niżel it-taraġ u medd riġlu fuq l-art. Kif dan resqu ma' tarf it-tapit aħmar (li mill-ajruplan kien jieħu għal *Pavilion*) ħmistaxer tifla Ġordanija, lebsin l-abjad u bil-fjuri bojod f'idejhom; u ntelqu jtiru fl-ajru eluf ta' ħamiem abjad. Il-Papa resaq lejn il-ġemgħa tal-kbarat tal-Ġordanja, ħa l-ewwel b'id ir-Re Ħusejn u għafashielu b'imħabba, imbagħad ħa, wieħed-wieħed, b'id il-kbarat kollha li kienu hemm. Wara dan il-Papa u r-Re daħlu fis-sala tal-kbarat li hemm fil-*Pavilion*, fejn lil Papa ngħatalu kikkra kafè kif inhi d-drawwa tal-Għarab, li ġibhielu wieħed fizzjal. Il-Papa ħa l-kikkra u xorob il-kafè bil-qalb. Hemmekk ir-Re Ħusejn lil Papa qallu bl-Ingliż dan il-kliem:

"F'isem il-Ġens Għarbi u wkoll f'isem in-nies kollha li j e m m n u b'Alla Wieħed, nisqarru quddiemek li nibqgħu nafuhielek bil-ġid din il-miġja tiegħek fostna, u nagħtuk il-merħba minn qalbna fil-Ġordanja u fl-Art Imqaddsa. Din iż-żjara tiegħek hija ġrajja li aħna nibqgħu dejjem niftakruha u ngħożżuha. Aħna nixtiequ li dan il-Pellegrinaġġ qaddis tiegħek fl-Art Imqaddsa joħroġ tajjeb f'kollox u nittamaw li aħna, li nagħmlu sehem mill-Familja Ġordâna inkunu nistgħu nuruk imqar ftit minn kemm nafuhulek ix-xogħol tiegħek bħala mexxej kbir li taħdem għal ġid tal-bnedmin u għat-tisħiħ tas-Sliema !"

U l-Papa Pawlu wieġeb lir-Re bl-Ingliż u qallu dan il-kliem:

"Majesty,

"We are most appreciative of Your kindness in coming to welcome Us personally on Our arrival in Your Kingdom. Our visit is a spiritual one, a humble Pilgrimage to the Sacred Places, made holy by the Birth, the Life, the Passion and Death of Jesus Christ and by His Glorious Resurrection and Ascension. At each of these Venerable Shrines We shall pray for the Peace that Jesus left to His Disciples; that Peace that the world cannot give, but which comes from the fulfilment of His Commandment to love one another as He loved Us.

"Your Majesty, We know, ardently desires Peace and Prosperity for Your people and for all the nations of the world. And We, Peter's successor remember his reference to the Psalm in his Epistle: *He who would love life, and see good days...... let him turn away from evil and do good, let him seek after peace and pursue it.* Saint Peter also wrote: *Honour all men; love the brotherhood; honour the King.*

"May God grant Our prayer and that of all men of good will, that living together in harmony and accord they may help one another in love and justice and attain to Universal Peace in true brotherhood !"

Dan il-kliem, li kien jistama' wkoll minn barra bil-*loud speakers* kien milqugħ b'ċapċip kbir u fit-tul mill-ġemgħa tan-nies. Wara, l-Papa ħareġ fil-wesgħa tal-Ajrudrom imsieħeb mir-Re Ħusejn u resaq lejn il-karozza. Kien hemm għadd ta' kbarat tal-knisja u qassisin u rħieb li resqu jbusulu idu. Waqt li l-karozzi bdew jimxu r-Re waqaf bl-*attention* b'idu tmiss ġbinu b'tislima, u dam hekk sa kemm il-karozza tal-Papa ma baqgħetx tidher fi triqtha lejn Ġerusalem.

### 3. *Fuq Xatt il-Ġurdân.*

Il-ġilwa tal-karozzi baqgħet sejra mat-triq li minn Għammân tieħu

għax-xmara tal-Ġurdân: triq bl-asfalt, tixbah lil żagarella sewda, wiesgħa u twila, mimduda bejn l-iġbla sofor, xôrija, bla siġar u bla ħaxix. Waslet qrib il-Ġurdân fejn hemm pont li jaqsam ix-xmara, li fil-bidu tiegħu il-Għarab għamlu bħal ark imżejjen bil-friegħi tal-palm u tażżebbuġ u magħhom marbutin margeriti sofor u ranġis abjad; u fuq kollox għadd ta' bandieri żgħar, tal-Vatikan u tal-Ġordanja. Minn tarf għall-ieħor tal-ark kien hemm tabella bi kliem ta' merħba lil Papa. Minn hemmekk, jiġifieri mix-xmara 'l ġewwa, tibda l-vera Art Imqaddsa. Għal hekk il-Papa niżel mill-karozza u waqaf iħares lejn dak l-ilma miexi, imdardar u jobrom, li ftit anqas minn elfejn sena ilu Kristu kien tgħammed fih. Il-Papa hu u wieqaf kien jidher iċaqlaq xuftejh f'talb. Id-Delegât Apostolku li wkoll kien niżel mill-karozza, beda miexi ma' trejqa u l-Papa mexa wrajh. Waslu fuq xatt imtajjan tax-xmara, u l-Papa rafa' jdejh lejn is-sema u qal



*Il-Ġordan, l-ewwel ħaġa mqaddsa li ra l-Papa.*

talba, imbagħad niżżilhom mill-ġdid u baqa' wieqaf jaħseb. Wara dan tbaxxa u bell subgħajh fl-ilma tal-Ġurdân. Meta l-Papa dar biex imur jarġa' jirkeb il-karozza, il-ġemgħa tan-nies li kien hemm riedu jersqu lejh, imma l-Pulizija ma ħallewhomx; żammewhom l'ura, bil-kliem: "Irġa' li wara!" Dak il-ħin fuq ras in-nies deher jittajjar helikopter aħmar, misjuq minn ħadd ieħor ħlief ir Re Ħusejn. Dak il-ħin ukoll waslu l-Kbarat ta' Ġerusalem, mas-Sindku tagħhom, Rubħi Ħabîb, biex jagħtu l-merħba lill-Papa, kif jitlob iddmir tagħhom.

4. *Waqfa Żgħira f'Betgħanja.*

Il-ġilwa tal-karozzi reġgħet bdiet miexja lejn Ġerusalem. Fuq irjus l-iġbla kienu jidhru weqfin suldati tal-Ġordanja bli-*stengun* f'idejhom u l-ħatta u l-għagâl iperpru f'rashom. Fil-wileġ kienu jidhru l-għarejjex tal-bdiewa, tax-xagħar tal-mogħoż iswed, jixbhu minn bgħid lil xi bhejjem għajjenin mimduda. Ħin minnhom kien hemm ħmar żgħir miexi

bil-qajl minn nofs it-triq b'tifel rie-keb fuqu, li għal naqra ġiegħel li ssuq bil-qajl il-ġilwa kollha. Il-karozzi waslu Ġerko, u għaddew minn ġewwa l-belt, fejn fit-toroq kienu weqfin nies tal-pajjiż u rifuġjati tal-gwerra tal-1948. Kollha bdew jgħajtu: "Merħba ja Baba! Eħlen u seħlen!" kif raw il-karozza tal-Papa għaddejja minn hemm.

Wara li ħarġu minn Ġerko, bdiet



*Il-Knisja ta' Betgħanja fejn il-Papa tajjar il-gamiema*

it-telgħa, li tgħaddi minn Adommîn u twassal sa Betgħanja, fejn kienu joqogħdu Marta u Marija u ħuhom Lażżru, li jissemmew fl-Evanġelju li kienu ħbieb ta' Ġesù. Hawn il-Papa niżel għal ftit fost il-ferħ u l-għajjat tal-Għarab ta 'dak ir-raħal, u daħal fil-knisja l-ġdida ta' san Lażżru li tinsab mibnija qrib il-qabar tiegħu, u qagħad għal ħin wieħed jitlob għar-rkubtejh. Qam minn hemm, qagħad ftit jitgħaxxaq bil-ġmiel tal-mużajk li bih huma miksija l-ħitan tal-knisja minn ġewwa, u ħareġ fil-bitħa. Hemm kien hemm ġemgħa ta' tfal, subjien u bniet tal-Istituti Franġiskani tal-Ltiema, u l-Postulanti ta' Emmaws, li l-Papa kellimhom ftit u żiegħel bihom. Tawh gamiema, li qagħad imellsilha rixha u refagħha fil-għoli u telaqha ttir fl-ajru. Wara dan, ħareġ barra u rikeb mill-ġdid. Kif il-karozzi daru d-dawra tat-triq, dehret Ġerusalem quddiemhom bil-wetgħa tat-Tempju, li issa jgħidulha Ħàram ix-Xerîf, li f'nofsha hemm koppla kbira sewda taċ-ċomb, imsemmija l-Moskija ta' Għômar. U fuq ix-xellug Sijon, u fin-nofs żewġ koppli, waħda sewda u oħra bajda, tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Il-karozzi qabdu n-niżla u waslu fuq il-pont li jaqsam il-Wied ta' Ġosafat, quddiem il-Bażilka tal-Agonija tal-Ġetsemni. Il-ġilwa tal-karozzi telgħet it-telgħa ta' quddiem il-Bieb ta' san Stiefnu u daret mas-sur għan-naħa ta' Bab il-Għamûd.

Quddiem dan il-bieb, li issa hu l-bieb l-ewlieni ta' Ġerusalem, fejn kien sejjer jieqaf il-Papa malli jasal, fi pjazza wiesgħa, kien hemm għadd kbir ta' nies, li biex jilħqu post ħalli jaraw il-Papa kienu bdew jinġabru hemm sa minn fil-għodu. U għadd kbir ta' nies kien hemm ukoll fuq is-swar tal-belt u fuq il-b j u t tad-djar. Aktar ma jgħaddi l-ħin, aktar in-nies jiżdiedu, u dawk li kien ilhom hemm, aktar jiddejqu jistennew. Il-ġemgħa tan-nies kienet imħallta: Insara u Misilmin; Għarab u Ewropej, imma l-aktar Għarab. Il-lqugħ li waqqfu hemm il-Pulizija ma kienx qawwi biż-żejjed għal dawk in-nies kollha, u bit-tfigħ inqala' u twarrab. Il-Pulizija għal xejn ixejjru n-nerv tagħhom, għax in-nies xorta jibqgħu għaddejjin min-naħa għall-oħra. Rass ta 'nies, daqq ta' ħornijiet tal-karozzi, kant, għajjat u tixjir ta' bandieri.

Fil-Programm kien hemm miktub li l-Papa kellu jasal hemm fl-erbgħa; imma daqqu l-erbgħa, u l-erbgħa u kwart u l-Papa ma hemmx li jidher.

F'naħa waħda għaliehom, k i e n u miġbura qassisin u Patrijiet Latini, li kellhom jilqgħu lil Papa. Kienu jkantaw l-Innijiet u l-kant tagħhom jistama' fuq il-*loud speakers*. Qrib tagħhom kien hemm ukoll ix-Xirk-iet, tal-Azzjoni Kattolka, tat-Terzjarji, u tfal tal-Iskejjel, bniet u subjien. Il-Pulizija kieku riedu jżommu l-ordni imma ma setgħu jagħmlu xej ma' dawk il-mewġiet ta' nies. Bagħtu għal *Boy Scouts* u ġiegħluhom jin aktar spiss ġemgħat ta' nies, bla ma jagħtu każ tad-daqqiet ta' frosta tal-Pulizija. Il-ġemgħa quddiem Bab il-Għamûd kienet qisha baħar imewweġ: min jitfa' 'l hawn, u min jiġbed 'l hemm; min jiddeffes minn naħa u min minn naħa oħra; ħadd ma għandu sabar joqgħod bil-kwiet. Ħsejjes ta' tnabar u ta' trombi u ħornijiet ta' karozzi u tisfir tal-Pulizija, ma jaqta' xej. Taħbila kbira, li m'hux għal kemm timmaġinaha.



*Bab il-Għamud, jew Damascus Gate, u l-misraħ ta' quddiemu.*

jagħmlu *cordon*, iżommu id f'id, imma l-ġemgħat tan-nies f'għamża ta' għajn ħarbtuhom. Ir-Re Ħusejn kien hemm ukoll, fuq il-ġemgħa tan-nies, jittajjar fil-helikopter l-aħmar, imma, anqas hu ma sata' jagħmel xej waqt dik il-ħabla kollha.

5. *Rewwixta ta' Ferħ u Vija Sagra.*

Saru l-erbgħa u nofs. Mill-biċċa triq li l-Pulizija bi tbatija kbira kienu żammew miftuħa, bdew għaddej-

F'daqqa dak il-għaġeb t b i d d e l f'ċapċip tal-idejn u għajjat ta' *evviva*, li dejjem jiżdied u joqrob, ġej minn naħa tat-triq tal-Ġetsemni. Fil-ħamsa neqsin għoxrin minuta sew waslet f'Bab il-Għamûd il-karozza mikxufa tat-*Television*, u warajha l-karozza sewda tal-Papa, u wara d i n , il-bqija tal-karozzi tal-ġilwa. Minn ġewwa t-tieqa tal-karozza s-sewda kien jidher il-wiċċ bajdani u

l-muzzetta ħamra tal-Papa Pawlu VI, u idu tiċċaqlaq u tbierek din u dik in-naħa.

Imma f'daqqa ta' għajn in-nies ħeġmu ħeġma, u radmu l-karozza s-sewda bil-Papa ġewwa fiha! Fuqha nġemgħet muntanja ta' iġsma ta' ta' nies, b'saqajhom u jdejhom jixxejru u jgħarwlu. Il-Pulizija ġrew għal fuq dak il-munzell nies bil-frosti u n-nervijiet merfugħa f'idejhom, jagħtu fuq min ġie-ġie, u fejn ġieġie, u dik it-taqbida damet sejra għal xi kwarta jew għoxrin minuta; aktar ma jgħaddi l-ħin, aktar il-Pulizija jagħtu bis-saħħa. Fl-aħħar il-Pulizija seħħilhom li ħdejn il-karozza tal-Papa jagħmlu ftit tal-wisa' u hekk huwa sata' joħoroġ mill-karozza, u ħarġu wkoll mill-karozzi tagħhom il-kbarat li kellu miegħu. Il-qassisin u r-rħieb li kienu quddiem il-bieb tal-belt biex jilqgħu lil Papa, tferrxu, u tifla ltima tal-iskola waqgħet u tgħaffġet u mietet taħt saqajn il-folla. Is-Segretarju tal-Papa, Monsinjur Sacchi ħabbtuh ma' karozza u n-nuċċali li kellu f'għajnejh farrkuhulu. Il-Kardinal Tisserant u Monsinjur Dante daħlu f'bażar u damu hemm biċċa sewwa. Hemm, quddiem Bab il-Għamûd, il-P a p a kien bi ħsiebu jagħmel taħdita qasira b'tislima lin-nies tal-Belt Imqaddsa, imma deher ċar li dan ma satax ikun. (Ara żjieda "A").

F'xi l-ħamsa il-Papa Pawlu VI imdawwar bin-nies tiegħu u dawn imdawwrin bil-Pulizija, daħal m i n n Bab il-Għamûd għal ġewwa l-belt, biex jagħmel fit-toroq tagħha l-Vija Sagra, fejn Kristu mexa bis-salib fuq spallejh, minn għand Pilatu sal-Kalvarju. Kienet tas-sew triq tat-Tbatija, li l-Papa, bħal Kristu, ħejja ruħu biex jimxiha, għal kemm fuq wiċċu kienu jidhru l-egħlimiet tal-għejja. Beda miexi qalb rassa kbira ta' nies b'rasu biss, bil-kallotta bajda, kemm-kemm tidher qalb il-ġemgħa. Kull ftit jarfa' jdejh u jxejjirhom, ibierek lin-nies, li kienu ma dwaru, jrossuh, jagħfsuh, u jaqtgħulu nifsu.Il-Papa ried jagħmel dik il-



*Biċċa mit-triq tal-Vija Sagra.*

Vija Sagra bħala Penitenza, imma l-poplu ta' Ġerusalem biddel dik il-mixja f'marċ ta vittorja, bil-għajjat ta' ferħ, għana, żfin, u tixjir ta' bandieri. Fis--VI Stazzjon il-Papa trekken fil-bieb tal-kappella tal-Griegi Kattolki, u qagħad jistrieh hemm xi kwarta bħal ma Kristu waqaf ftit jistrieh meta mesħitlu Wiċċu l-Veronka. Fis-VII Stazzjon, mara kantanta

Għarbija k a n t a t Innu sabiħ lil Madonna, imsieħba minn kor ta' rġiel, immexxijin minn qassis, Abuna Jusef il-Ħûri. Minn hemm 'il quddiem wara l-Papa imxew ħamsa u tletin Soru jkantaw flimkien.

6. *Il-Quddiesa u l-Laqgħat.*

Fost ir-rassa u bi tbatija kbira l-Papa wasal ħdejn il-pjazza żgħira ta' quddiem il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, u daħal minn bieb dejjaq għal ġewwa fiha. Kien l-ajru ċar, u r-reżħa, u x-xemx qorbot għajjiebha.



*Il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu fejn qaddes il-Papa.*

Il-pjazza, ġewwa kienet rassa waħda ta' nies, sa fuq it-taraġ li jieħu għat-triq ta Ħâret In-Nasâra. Quddiem il-Bażilka, minn ġewwa kien hemm mifrux tapit, u malli daħal il-Papa u tawh ibus is-salib, qagħad ftit għar-rkubtejh fuq dan it-tapit u qal talba. Quddiem il-Qabar sew kien hemm armat artal u l-Papa resaq ħdejh, libes għal quddiesa u beda jqaddes fuqu. Leħen il-Papa kien ċar, donnha l-għejja tat-triq u l-kedda tal-għafis kienu għaddewlu f'daqqa. Il-quddiesa kienet imsieħba mill-kant ta' kor ta' tfal iltiema ta' san Salvatur, li jagħmlu sehem mill- magħrufa *Schola Cantorum*, tal-Patrijiet Franġiskani. L-artal kien imdawwar b i r - *reflectors*, li waħħluhom hemm dawk li kienu jieħdu t-*Television*. F'xi nofs il-quddiesa, żewġ *reflectors* ħadu n-nar. Tala' wieħed ħaddiem biex jitfihom, imma ma satax, għal hekk biex ibiddluhom kellhom jitfu d-dwal elettriki kollha. Baqgħu jixegħlu biss il-għaxar xemgħat ta' fuq l-artal, fejn kien iqaddes il-Papa. Huwa ma'tul dan il-ħin kollu baqa' jqaddes, bla ma dawwar anqas darba biss wiċċu biex jara x'kien ġara. Kien il-ħin kollu mitluf fit-talb, u fuq ħaddejh kienu jidhru żewġt isnug tad-dmugħ.

Il-quddiesa ntemmet fis-seba' neqsin kwart u wara l-quddiesa l-Papa qal dan il-kliem sabiħ (u n-nies li kienu ma' dwaru barra mill-kliem imsemmi "Stedina" qalu miegħu):

1. *Stedina.*

"Ħuti u wliedi, issa jaqbel li rwieħna jistenbħu, li l-kuxjenza tagħna tiċċara, u taħt il-ħarsa dawwala ta' Kristu, l-qawwiet ta' ħsibijietna jitwessgħu. Inġibu quddiem għajnejna issa, bl-indiema f'qalbna, id-dnubiet tagħna kollha! id-dnubiet ta' misserijietna; id-dnubiet tal-ġrajjiet imgħoddija u d-dnubiet ta' żmenijietna, u tad-dinja kollha li qegħdin ngħixu fiha.

"U biex din l-indiema tagħna ma tkunx mistħija, anqas imkabbra, imma kiebja, biex ma tkunx indiema

mill-għaks, imma ndiema bit-talb, tkun msieħba minn dan l-uġiegħ li Ġesù Sidna ħamel sal-mewt, li qagħad għar-rieda tal-Missier sa fuq is-salib. U fil-waqt li nġibu quddiem għajnejna t-tifkira għażiża tiegħu, nitolbu lil ħniena tiegħu li taħjina.

2. *Tfakkira.*

"F'dan l-imkien fejn int, ja Mulej, is-safi, is-siedaq, il-qaddis, kont mixli; kont maħqur; kont mgħoddi ta' ħati; int iben Adam, kont imwaġġa', imsallab u maqtul; Int, bin Alla, kont imgħajjar, immasħar u miċħud. Int, li int id-Dawl, kont mitfi. Int ir-Re, kont imdendel ma' salib. Int, il-Ħajja, kont mogħti l-mewt, Int kont mejjet, u rġajt għal ħajja.

3. *Steħjila.*

"Issa naħsbu: hawn, ja Mulejna Ġesù, it-tbatija tiegħek kienet ħlas mgħaruf minn qabel; ħlas milqugħ u mirud. Kienet debha, u int kont iddbiha, u int ukoll kont id-debbieh. Hawn il-mewt tiegħek kienet il-fexxa u l-qjies tad-dnubiet ta' wlied Adam; kienet il-maħraq tal-ħeġġa; kienet il-fidwa għal ħaqq t'Alla; kienet il-wirja tal-akbar imħabba. Hawn saret it-taqbida bejn il-ħajja u l-mewt. Hawn irbaħt ir-rebħa tiegħek, ja Kristu, li għalina mitt, u għalina rġajt għal ħajja!

4. *Stqarrija.*

"Sidna Ġesù, arana! Aħna ġejna hawn bħal ma jiġu l-ħatja fuq l-imkien tad-delitt tagħhom. Aħna ġejna hawn bħal min mexa wrajk u mbagħad ċaħdek. Għall-ewwel smajna minnek, u wara ksirna kelmtek għal wisq u wisq drabi. Aħna ġejna hawn biex nistqarru s-sensila li hemm bejn dnubietna u l-mewt ħarxa tiegħek. Ħidma tagħna, ħidma tiegħek. Aħna ġejna biex inħabbtu fuq sidirna, u biex nitolbuk maħfra. Biex nitolbu l-ħniena minn gaħndek. Aħna ġejna għax nafu li int tista' u trid taħfrilna, għax int ħallast għalina. Int il-fidwa tagħna; int it-tama tagħna!

5. *Talba.*

"Mulej Ġesù, Ħellies u Mgħallem tagħna, agħtina s-saħħa li naħfru lill-oħrajn, biex hekk ukoll int taħfer lilna. Mulej Ġesù, Ħellies u Ragħaj tagħna, nissel fina s-setgħa li nħobbu bħal ma trid int, biex fuq turitek u b'għajnuntek aħna nħobbu lil dawk kollha li huma ħutna.

"Mulej Ġesù, Ħelsien u Sliem tagħna, li għarraftna x-xewqa kbira tiegħek li 'L-koll insiru ħaġa waħda', isma' din xewqitna, li hawn saret ukoll talbitna. Mulej Ġesù, Ħellies u Bejjien tagħna, agħti siwi quddiem li-Missier tas-sema lit-talb li issa, b'Ruħ il-Qodos nitolbu quddiemu!"

Il-Papa mbagħad daħal ġewwa l-Edikla tal-Qabar Imqaddes u qagħad għar-rkubtejh jitlob quddiem il-bank tal-ħaġar li fuqu kien mimdud il-Ġisem ta Kristu mejjet. Daħlu hemm ukoll isieħbu l-Papa ħamsa mill-kbarat ta'ma'dwaru, u damu hemm xi tlieta jew erbgħa minuti. Wara li ħareġ mill-Qabar, tala' fuq il-Blata tal-Kalvarju, u qgħad għar-rkubtejh u qal talba bis-skiet fejn kien wieqaf is-salib bi Kristu mislub fuqu. Meta l-Papa niżel minn hemm u kien ħiereġ barra mill-Bażilka, in-nies flimkien bdew ikantaw *Christus Vincit*! *Christus Regnat*! *Christus Imperat*!

Il-Pulizija fetħu triq minn qalb il-folla biex il-Papa jgħaddi għal barra. Fis-seba' u għaxar minuti l-Papa wasal id-Delegazzjoni Apostolka, fuq

il-muntanja taż-Żebbuġ, fejn strieħ ftit u kiel xi ħaġa.

Wara li kien ilu ftit fid-Delegazzjoni, lil Papa tħabbarlu li ġew iżuruh żewġ kbarat Ortodossi: il-Patrijarka Grieg ta' Ġerusalem, Benediktos, u l-Patrijarka Armen, Derderjan, bis-segretarji u l-vikarji tagħhom. L-ewwel wieħed qara taħdita żgħira lil Papa, bil-Grieg, u t-tieni qara taħdita oħra bl-Ingliż. Lil tal-ewwel il-Papa wieġbu bil-Franċiż, u lil tat-tieni wieġbu bl-Ingliż ukoll. Il-Papa lil Patrijarka Armen wieġbu hekk:

"We are particularly grateful for the kind welcome you have given Us during Our Pilgrimage to this city, hallowed by the great mysteries of the Redemption, which Our Lord and Saviour Jesus Christ worked in it.

"Our meeting has a particular significance because of the friendly ties which have developed between Us and the Armenian Church through the delegated observers who participated in the work of the Second Vatican Council. The spirit of the true Christian charity and comprehension which they manifested made all the more certain of the fraternal welcome We would receive here from You and from Your faithful. Our expectations have been more than amply fulfilled.

"There is a spirit which more and more influences Christian hearts. It is the desire to carry out what the Apostle to the Nations counselled us: to forget what is past and to push to what lies ahead, with our eyes fixed upon Jesus, the Author and Finisher of Our Faith. This spirit has already been manifested in a concrete way in this Holy City in the efforts being made by all Christians to work in common accord for the reverend care and fitting veneration of that Hallowed Place where Our Lord, triumphant on the cross and victorious over the grave effected that great mission of reconciliation which He had received from His Father. We salute these expressions of Christian charity which already exist, and We express the earnest desire that they may multiply and expand into every area of Our common Christian endeavour.

"We have come as a prayerful Pilgrim to this Holy City. In the prayers which We offer to God Our Father and to Our Saviour Jesus Christ His Divine Son, We remember You and the flock of which You are the Pastor. May Divine grace and favours descend in abundance upon all of You."

Il-Papa ta liż-żewġ Patrijarki kalċi tad-deheb kull wieħed u lil dawk li kellhom magħhom tahom medalji tifkira ta' meta laħaq Papa.

* * *

Fil-għaxija, l-aħħar ħaġa ta'nhar bla mistrieħ li għamel il-Papa, kienet l-*Ora Santa*, ġewwa l-Bażilka tal-Ġetsemani.

Kif kien sejjer hemm, għadda l-Bażilka ta' sant' Anna fejn kien hemm miġbura flimkien il-Patrijarki, l-Arċisqfijiet u l-Qassisin u r-Rħieb u l-Fidili tal-Kattolki tar-Riti Orjentali. Lil dawn il-Papa Pawlu għamlilhom taħdita sabiħa, li hi din:

"Ħutna meqjuma tal-Knejjes Orjentali,

"Ma'dwar tliet kwarti ta' seklu ilu sar Kongress Ewkaristiku f'Ġerusalem, li kien ġrajja kbira għal Knisja Orjentali, li tgħmel sehem mill-Knisja ta' Ruma. Kemm tbiddlet il-qagħ-

da minn dak iż-żmien 'l h a w n turih sewwa din il-laqgħa li fiha intom il-koll tinsabu hawnekk miġbura.

"Kbir huwa l-ferħ tagħna għal din il-laqgħa tagħna magħkom. Ġejna hawn nagħmlu żjara, bħal ma intom tafu, biex nimxu fejn mexa Kristu, fl-'Imqaddsa u Glorjuża Sijon, Omm il-Knejjes kollha', biex ngħidu qawl miktub fil-Liturġija ewlenija ta' san Ġakbu. L-Art tal-ħajja, tal-mewt u tal-qawma tal-Mulej, hija fis-sewwa l-imkien li fih twieldet il-Knisja. Ħadd ma jista' jinsa li meta Alla ried, bħala bin Adam, jagħżel għalih in-nifsu pajjiż, lingwa, u familja, fuq l-art, dawn għażilhom mill-Lvant. Minnu wkoll għażel l-Appostli. 'U qabel kull naħa oħra l-Appostli xerrdu t-twemmin f'Ġesù Kristu u waqqfu Knejjes fil-Palestina; imbagħad telqu mad-dinja u ħabbru wkoll hemm dak it-twemmin u dak it-tagħlim', kif kiteb Tertulljanu. Kull ġens laqa' ż-żerriegħa tajba tat-tagħlim tagħhom fil-fehmiet u l-għadiet li kellu minn qabel. Il-Knisja ta' kull ġens kibret bil-għadiet tagħha nfisha u bid-drawwiet tagħha nfisha u bixeħtiet tagħha nfisha li tħaddem il-Misteri nfishom, mingħajr ma dan kien ta' ħtija ta' ebda ħsara għall-għaqda tat-twemmin jew għat-tisħib ta' kull imħabba u l-ġiħ tal-ordni mwaqqaf minn Kristu. Dan hu l-bidu li ġiegħel li aħna ma nkunux ta' qabil wieħed, għad li aħna xorta waħda fid-Djiena Kattolka tagħna. Din hi ħaġa li dejjem meħtieġa għal Knisja ta' Kristu, u li fiha Ruħ il-Qodos qiegħed jagħtina li nagħmlu tiġriba ġdida fi żmienna, fil-Konċilju Ekumenku.

"Kif il-Għaqda ma hix Kattolka ħlief filli tweġġah għal kollox lill-għażla vera ta' kull wieħed, hekk il-għażla ma hix Kattolka, minn naħa tagħha, ħlief fil qjies fejn hi tweġġah lill-Għaqda; fejn ħi taqdi l-imħabba; fejn hi tgħin għat-titjib tal-poplu t'Alla. Fil-ferħ tagħna li niltaqgħu magħkom hawnekk, magħqudin f'din l-art tagħkom tal-Lvant, ma nistgħux ma nħossux fil-ħeġġa, fil-ħsieb, u fil-qalb il-ħtieġa tax-xhieda tal-Għaqda, il-għeliema l-kbira mogħtija minn Kristu għat-twemmin tad-dinja: 'Li huma jkunu ħaġa waħda, biex id-dinja temmen!'

"U din il-Għaqda, li hija tagħna, nuruha qabel kollox bejnietna l-Kattolki.

"Nuruha kemm jista' jkun, fil-ħidma mingħajr għira, għal qadi sħiħ tal-Knisja, u bil-fehma waħda li nagħmlu l-ġid lill-Insara. Nuru, mill-aktar li nistgħu ukoll, il-għaqda ma' ħutna l-oħra, l-Insara aħwa tagħkom fid-demm u fil-għadiet, għalkemm għaqda nieqsa u mweġġgħa. Għax, ma għandhomx huma wkoll, jewilla, l-istess Magħmudija, li stess sisien tal-Fidi, l-istess Quddiesa, li tressaq quddiem Alla l-istess Dbiha lil Mulej Sid il-Knisja? Fl-aħħar ma ninsewx li għajrna, dak li għandna nħobbuh bħalna nfusna, ma hux biss ħuna n-Nisrani.

"Nitolbu li Alla jagħtina l-koll li ngħixu fl-imħabba u li nġiegħluha ssaltan f'din l-art, fejn l-imħabba u l-ħniena t'Alla kienu murija bl-akbar tiġriba, meta Ġesù: 'Tagħa ħajtu għal dawk li ħabb' ".

Wara dan il-Kliem, il-Papa ħareġ u rikeb il-karozza u mar il-Bażilka tal-Ġetsemni għall-*Ora Santa*.

Wara l-*Ora Santa* il-Papa Pawlu VI rikeb il-karozza u baqa' sejjer lejn id-Delegazzjoni Apostolka, għal mistrieħ tal-lejl, li fuq nhar taħbit bħal dak kien tas-sew jistħoqqlu.



*Il-Bażilka tal-Ġetsemni fejn il-Papa għamel l-Ora Santa.*

## IL-PAPA PAWLU VI JŻUR ISRAEL

### 7. *Il-Laqgħa f'Megiddo.*

Fil-ħamsa ta' Jannar, it-tieni jum taż-żjara tiegħu lill-Art Imqaddsa, il-Papa Pawlu VI ħareġ mid-Delegazzjoni Apostolka fis-sebgħa ta' filgħodu, u rikeb f'karozza *b u l l e t p r o o f*, u msieħeb b'qatiegħ karozzi oħra wrajh, saq għan-naħa ta' Israël. Ma daħalx f'Israël minn Mandelbaum Gate, imma l-ġilwa ta' 32 karozza li kellu miegħu ġibdet dritt lejn ix-Xmiel, jew *North* għan-naħa ta' Nâblus u minn hemm għar-raħal sabiħ ta' Ġenîn. Minn Genîn saqu lejn Megiddo, fejn il-Lhud għal dik inhar, reġgħu fetħu t-triq f'Tagħnaq, bejnhom u bejn il-Ġordanja li kienet ilha misduda mis-sena 1948. Minn dik it-triq, ftit qabel il-għaxra filgħodu (aktar minn siegħa mwaħħra) il-ġilwa tal- Papa daħlet fil-wetgħa ta' Jeżrael, li dari kienet xorija, imma l-lum miżgħuda bis-siġar tal-frott. Kienet għodwa sabiħa; ftit tar-riħ, imma s-sema safi.

F'Megiddo l-lum ma hemmx djar; hemm biss biċċa bini waħda, żgħira, li taqdi biex jirtefgħu fiha l-fdajjel tal-antik li jinsabu dik in-naħa. Dik il-għodwa li għadda minn hemm il-Papa, il-faċċata ta' dak il-bini kienet imżejna bil-bandieri tal-Vatikan u ta' Israël. Fin-naqra ta' misraħ li hemm quddiem dan il-bini kien hemm għadd ta' siġġijiet quddiem palk imgħotti li fuqu kellhom jitilgħu l-Papa Pawlu VI u l-President tar-Repubblika Israëlija, biex jgħidu wieħed lill-ieħor kliem ta' sliema u merħba lil xulxin. Il-President ta' Israël. Zalman Xazar, imsieħeb mill-Prim Ministru Levi Exkol u mis-sinjura Golda Meyr, li minn ħafna snin 'il hawn għandha f'idejha l-Ministeru tal-Barrani, kienu waslu hemm ftit qabel ġewwa helikopter. Il-Papa liebes l-abjad, bil-muzzetta u l-mantell l-aħmar fuq spallejh, tala' fuq il-palk u qagħad ma' ġenb il-President Xazar. Dan dar lejn il-Papa u qallu bil-qalb u b'leħen ċar dan il-kliem: "B'qima kbira u għafja sħiħa tas-siwi ta' din il-ġrajja li qatt ma saret bħalha fiż-żmenijiet l-imgħoddija, f'isem l-Istat ta' Israël u f'ismi, ġejt nilqa' lil Papa li hu l-Missier tar-Ruħ ta' dawk kollha li jagħmlu sehem mill-Knisja Kattolka Rumana fid-dinja kollha. Ġejt insellimlu bil-Barka ta' dari tagħna. Tkun imbierka l-wasla Tiegħek! Aħna smajna b'dehwa *k b i r a* u ferħ kbir il-kliem Tiegħek, li Inti ġejt hawn biex titlob u taqla' minn għand Alla il-ħniena għal ġens bin Adam kollu, li qiegħed ibati bil-faqar, bil-ġugħ u bit-twegħir; li huwa

għatxân għas-Sliema, għal ġid u għal-libertà u għal ħaqq.'' Wara li semma kemm kellu jbati l-poplu ta' Israël u fisser it-tama li kellu dan il-poplu li jitwieled mill-ġdid u jkun jista' jeqred id-deni; li jeqred il-ġugħ u l-mibgħeda u jsejjes is-Sliem, il-President ta' Israël temm kliemu hekk: "Ġens bin Adam qiegħed jistenna xi ġrajja li tista' tagħleb id-deni u ġġiegħel li sseħħ il-bxara tal-Profeta tagħna: *U jiena nneħħi minnkom il-qalb tal-ħaġar, biex nagħtikom bdielu qalb tal-laħam, biex in-nies ma jhedduх aktar bis-sejf lin-nies o ħ r a* Aħna nemmnu bi twemmin qawwi li s-Sliema tad-dinja, li kullimkien in-nies it-tajba qegħdin jaħdmu għaliha, għad isseħħ. Ikun imbierek il-Kbir Għarib li ġie għandna fil-wasla Tiegħu fostna!"

U l-Papa, li tkellem bil-Franċiż, wara li iżża ħajr għal merħba bil-qalb il ngħatatlu, qal dan il-kliem: "L-Eċċellenza Tiegħek taf, u jixhedulna wkoll Alla, li Aħna f'din żjaritna ma Aħniex immexxijin minn ebda għan li ma hux għan tar-ruħ weħedha. Aħna ġejna hawn bħala żawwâra. Ġejna nagħtu qima lill-Imkejjen Imqaddsa; Aħna ġejna hawn biex nitolbu. Bħala żawwâra tas-Sliema, nitolbu qabel kollox il-ġid tal-ħbiberija. Li bin Adam jissewwa m'Alla u li jitħabb'bu ma'xulxin in-nies kollha bejniethom. Kemm nixtiequ li Alla jisma' talbna! Dak Alla, li għandu fuqna, kif ħabbar il-Profeta, *ħsibijiet ta' ħniena m'hux ta' moħqrija.* Nixtiequ li Huwa jkun ħanin u jixħet fuq id-dinja l-batuta dan il-ġid liema bħalu, li d-diwi tiegħu jistama' f'kollu kemm huwa l-Ktieb Imqaddes li fih nixtiequ niġbru t-tislima tagħna; it-talba tagħna; ix-xewqa tagħna: *Xalôm! Xalôm!*''

U f'dik id-dehra tal-ħdura tal-ħaxix u l-ħoss ħelu tat-tħaxwix tal-weraq tas-siġar, u l-għajjat tal-evviva imħallat mal-iddin tas-sriedek tarrziezet qariba Pawlu VI niżel minn fuq il-palk u rikeb il-karozza u l-ġilwa tiegħu reġgħet qabdet triqtha lejn Nazaret biex iżżur in-naqra ta' Għar imaħffer fil-blat artab, li kien jagħmel sehem mid-dwejra fqira fejn kienu jgħammru Jusef u Mirjam, u t-Tifel Divin tagħhom.

## 8. *F'Nazaret.*

Il-ġilwa tal-karozzi qorbot lejn Nazaret u dehru d-djar bojod tagħha, bis-saqaf ċatt, barra minn uħud li għandhom is-saqaf imżerżaq miksi bil- fuħħar aħmar; u bejniethom siġar twal taċ-ċipress jixxenglu qajl-qajl mal-fewġa għodwija. Waslet u daħlet fil-belt fil-ħdax nieqes kwart u għaddiet minn toroq imżejna bil-bnadar u l-friegħi u l-fjuri, fost il-għajjat tan-nies u l-ħoss ferrieħ tad-daqq tal-qniepen. Il-karozzi waslu quddiem il-Bażilka li għadha qegħda t i n b e n a fuq il-Għar tal-Lunzjata. Rassa kbira ta' nies weqfin fit-toroq, u fuq il-bjut u fit-twieqi, ixejjru l-friegħi tal-palm jew imkatar bojod, u jgħajjtu *Evviva l-Papa* u jċapċpu jdejhom ferħana. Il-Papa niżel mill-karozza s-sewda, liebes l-abjad, u bil-mantell aħmar fuq spallejh, bħal ma kien f'Megiddo, u dar isellem lin-nies u jberikhom. Qabel ma daħal fil-Bażilka waqaf ftit fil-pjazza ta' quddiemha, u ta ż-żmien lil min ried biex jieħu r-ritratti. Daħal ġewwa, u qagħad għar-rkubtejh u bies is-salib li ngħatalu f'idu kif daħal. Imbagħad qam u xeħet ftit lubien fl-inċensier, u raxx l-ilma mbierek fuq dawk kollha li kienu miegħu u fuq in-nies kollha. Wara dan, ha l-qima tal-Kap-

pillan tal-Parroċċa tal-Lunzjata billi nċensah tliett darbiet waqt li l-kor kanta "Tu es Petrus" bi tliet ilħna mseħbin mill-armonju. Minn hemm il-Papa mexa b'pass ħafif u niżel it-taraġ għal ġewwa l-Għar biex iqaddes fih. Il-Għar huwa mdaqqas, bis-saqaf u l-ħitan tal-blat artab safrani, u f'nofs il-Għar jinsab artal li taħtu għandu miktub *Hic Verbum Caro Factum Est*. Għax fejn kienet toqgħod il-Familja Mqaddsa kienet dar żgħira mniffda ma għar, li baqa' magħruf u meqjum sa minn żmien l-Appostli. Fuq dan il-Għar inbniet



*L-artal fil-Għar tal-Lunzjata, fejn qaddes il-Papa f'Nazaret.*

knisja u wara li din iġġarfet inbniet oħra u oħra, u issa qegħda tinbena l-Bażilka, li hi l-ħames u l-akbar waħda. Ġewwa dan il-Għar, li hu l-qalba tal-knisja, li hi l-qalba tal-belt ta' Nazaret, il-Papa Pawlu VI dik il-għodwa kellu jqaddes quddiesa.

Fil-ħdax sewwa l-Papa beda jilbes għal quddies. Neħħa l-istola u l-muzzetta u ħasel idejh u libes l-amittu u l-libsa l-bajda li jgħidulha *alba*; tħażżem bil-kurdun u daħħal fi driegħu l-maniplu; qiegħed fuq kitfejh l-istola u daħħal f'għonqu l-pjaneta. Kollha ħwejjeġ ta' siwi kbir, li issa jħallihom tifkira lil Bażilka.

Il-Papa nqeda bil-privileġġ mogħti mill-Papiet ta' qablu u qaddes hemm il-quddiesa tal-Lunzjata, li titqaddes fil-25 ta' Marzu. Qabel il-*Credo* l-Papa dar wiċċu 'l barra u għamel taħdita sabiħa. (Ara żjieda "B").

Il-quddiesa tqaddset fil-Għar imma dehret u stemgħet ukoll fil-Bażilka u barra fil-pjazza, għax kien hemm armati għadd ta' lwieħ tat-*Television*, biex kull ħadd jaraha u jismagħha, Ma dwar il-Papa ma kienx hemm wisq nies, għax kif għedna il-Għar huwa aktarx żgħir u ftit jasa'. Kien hemm xi kbarat, u Patrijarki ta' wisq Riti, u ħabat li kien hemm ukoll Isqof Ċiniż. Kien hemm ukoll xi kbar Misilmin, u nies oħra mixhûra. Barra, miġbura quddiem il-Bażilka kienu n-nies ta' Nazaret kollha, is-seba' u għoxrin elf ruħ li jgħammru hemm bi ħġarhom, barra minn għadd ġmielu ta' turisti u żawwâra.

Meta l-Papa temm il-quddiesa, tala' d-Dejr tal-Franġiskani fejn kien hemm żewġt ikmamar flimkien imħejjija għalih. F'kamra minnhom il-Papa ħa *breakfast* ħafif: ħobż, ġobon, butir u marmalejd; u, wkoll kafè. Fil-kamra l-oħra kien maħsub li l-Papa kellu jistrieħ ftit wara t-taħbit ta' dik il-għodwa, imma hu ma riedx jistrieħ.



*Qoffa bil-ħobż u żewġ ħutiet, magħmulin bil-mużajk, mill-antik, fl-art, fil-Knisja tal-Benedittini, f'Tabga.*




*Il-Blata li fuqha kien iħobb joqgħod Kristu ħdejn il-baħar tal-Galilija li rajnieh ibusha l-Papa, fit-"Television".*

Għal ħabta ta' nofs inhar il-Papa niżel u ħareġ barra. Kif lemħuh in-nies bdew jgħajjtu għajjat ta' *Evviva* u huwa jxejjer idejh lejhom u jberikhom. Wara dan rikeb il-karozza u l-ġilwa saqet lejn Tabarija.

9. *Kafar-Nahum u ma'Dwarha.*

Meta minn Nażaret tmur lejn Tabarija, fit-triq trid tgħaddi minn Kana. Kana l-lum hu raħal żgħir ħafna, u jismu Kàfar-Kenna. Hemmekk san Ġwann kiteb fl-Evanġelju tiegħu li Ġesù għamel l-ewwel miraklu, u biddel l-ilma f'inbid, biex ma jirgħexux il-għarajjes. Kien hemm il-ħsieb li l-Papa Pawlu jiqaf hemm ukoll u jżur il-knisja tal-Franġiskani li tinsab fuq il-post, imma meta waslu hemm kien daħal il-ħin għal hekk inqata' li aħjar jibqa' sejjer. Hekk il-ġilwa tal-karozzi baqgħet sejra lejn Tabarija, u Kana ma waqfet xej.

Il-Papa għadda minn tarf Tabarija bla ma daħal fiha. Imbagħad il-karozzi waslu f'wetgħa b'ħafna siġar u ilma ġieri li jgħidulha t-Tabga. Hemm il-Papa niżel mill-karozza u mu. Ma ġenb il-Blata fl-art għadu hemm il-mużajk li fih imsawwra qoffa bil-ħobż u żewġ ħutiet, waħda kull naħa tal-qoffa. Minn hemm m a r f'biċċa art tal-Franġiskani fejn għad-



*Ħerba tas-Sinagoga ta' Kafar Nahum, li mar iżurha l-Papa.*

żar il-knisja tal-Benedittini. Ġewwa dil-knisja għad hemm il-Blata li qagħad fuqha Kristu meta kattar il-ħobs u b'ħames ħobżiet xabba' eluf ta' nies li kienu marru jsimgħu kliehom kemm bnew kappella bil-ħaġar iswed tal-basalt, fuq Blata oħra, fejn Ġesù qagħad jiekol mal-Appostli u wara l-ikel qal lil san Pietru: "Irgħa ħriefi u nagħġieti!" U hekk san Pietru għaraf li kellu hu jieħu ħsieb l-Insara kollha. Il-Papa, hemm, wara li talab ftit qagħad għar-rkubtejh u bies dik il-Blata għażiża.



*Il-Knisja tal-Bejatitudni, fuq għolja, qrib il-baħar tal-Galilija.*

Ma' ġenb din il-kappella hemm taraġ maqtugħ fil-blat, kollu mxellef u mittiekel biż-żmien, li jinżel għal Baħar ta' Tabarija. Il-Papa niżel ma' dan it-taraġ u bell subgħajh fl-ilma u għamel salib fuq moħħu u raġa' bellhom u bierek in-nies ta' qribu. Kif raġa' tala' mit-taraġ, ġie wieħed Għarbi u ġieb lil Papa kikkra kafè Tork, u l-Papa ħadha u xorobha.

Minn hemm Pawlu VI għaġġel u

mar iżur is-Sinagoga ta' Kafar-Nahûm. Daħal fis-Sinagoga, jiġifieri fil-ħerba tagħha, għax issa mġarrfa, ħares lejn il-kolonni u fuqhom l-arkitravi, u ra l-ħaġar antik imnaqqax bl-egħlimiet Israëlija. Ħareġ mis-Sinagoga u ħares ħarsa ħafifa lejn il-post fejn jingħad li kienet id-dar ta' san Pietru, fix-xellug tas-Sinagoga, u telaq 'il barra bil-għaġla. Rikeb il-karozza u l-ġilwa telqet lejn il-għolja li jgħidulha tal-Bejatitudni, fejn hemm kappella u Dejr tas-Sorijiet Franġiskani, hemm fuq ir-riħ tal-Baħar ta' Tabarija. Kif waslu hemm il-Papa żar il-kappella u daħal id-tat-Terra Santa tperper fuqu u saqu għal weta' sa quddiem il-Bażilka, u waqt li l-qniepen kienu jdoqqu, niżel mill-karozza u daħal fiha. Talab ftit għar-rkubtejh fuq ġenuflissorju u niżel iżur il-kripta bil-ħitan miksijin bil-mużajk, u wara l-artal flok in-kwatru, hemm ħġieġ sabiħ *stained glass* bi xbiehat tal-paguni u fjuri l-ġmiel tagħhom. Tela' minn hemm u ħareġ mill-Bażilka u qagħad għal ftit jitgħaxxaq bid-dehra sabiħa li hemm minn dak il-għoli tat-Tabor. Fin-Nord jidhru l-iġbla miksija bis-silġ, tal-Ħermon; fil-Lvant, il-Baħar ta' Tabarija, fis-Sud il-għolja ta'



*Il-Bażilka ta' fuq it-Tabor, li żarha l-Papa wara nofs inhar.*

Dejr fejn kellu żewġt ikmamar im-ħejjija fejn jiekol xi ħaġa u jistrieħ ftit qabel ma jmur iżur il-muntanja tat-Tabor, dik il-lejla.

Wara nofs inhar, il-Papa, rikeb il-karozza u raġa' niżel it-Tabga u minn hemm għal Tabarija, u wara biċċa triq dritta, ma' tul il-pjanura ta' Ħattin, qabad it-telgħa tal-muntanja tat-Tabor, minn ħdejn raħal żgħir li jgħidulu Dabbûrja. Tala' t-telgħa, twila u mgħawwġa serp, u waslu f'Bab il-Ħewwa, bil-bandiera Ġelboe, qrib Nablus, u fil-West muntanji oħra u kemm-kemm il-baħar Mediterran, lejn Kajsarija. Imbagħad il-ġilwa tal-karozzi tal-Papa reġgħet niżlet minn fuq it-Tabor, u għaddiet minn Tel-Aviv, għal Ramle, u minn Ramle lejn Ġerusalem, it-taqsima Lhudija.

10. *Mill-Ġdid Ġerusalem.*

Meta l-Papa wasal Ġerusalem, kien dalam sewwa, imma l-għolja ta' Sijon, fejn jinsab iċ-Ċenaklu, li taħtu l-

Lhud jgħidu li jinsab il-Qabar ta' David, kienet imgħawwma bil-*flood-lights*. Eluf ta' Israëlin kienu weqfin fit-triqat tal-belt, iċapċpu jdejhom u jgħajjtu l-merħba bil-lingwa tagħhom, u l-Papa jxejjrilhom idejh u jberikhom, Baqa' sejjer lejn Sijon u tala' jżur iċ-Ċenaklu u qagħad għar-rkubtejh hemm, ġewwa, fuq il-qiegħa tal-art (għax ma kienx hemm ġenuflessorju anqas biss tapit) u talab ftit, imbagħad niżel u mar iżur il-knisja tal-Patrijiet Benedittini Ġermaniżi, hemm ħdejn iċ-Ċenaklu, li jgħidulha l-knisja tan-Nagħas tal-Madonna. Żar ukoll il-kripta, fejn jgħidu li mietet il-Madonna (u minn willu bil-qima, ħbejża u ftit melħ, f'ismu u f'isem il-Konċilju Israeli tal-belt ta' Ġerusalem. Hemm kien hemm ukoll għadd kbir ta' nies u wrew il-ferħ tagħhom għal wasla tal-Papa fosthom, imma żammew ruħhom lura bil-għaqal kollu, m'hux bħal ma għamlu n-nies tal-Ġordanja il-lejla ta' qabel f'Bab il-Għamud. Il-Papa wara li tkellem ftit mal-President u mas-Sindku sellem għal ġemgħa u rikeb il-karozza u telaq u għadda għan-naħa tal-Ġordanja u saq lejn id-Delegazzjoni fuq il-Għolja taż-Żebbuġ.

Wara li l-Papa daħal fid-Delegazzjoni u strieħ ftit ħabbrulu li kien wasal il-Patrijarka Grieg, Atenagora.



*Iċ-Ċenaklu minn ġewwa.*

fejn imbagħad ħaduha l-Qabar tagħha fil-Wied ta' Ġosafat, minn fejn telgħet is-sema.) Wara dan tala' minn hemm u ħareġ mill-knisja u rikeb il-karozza u saq lejn Mandelbaum Gate. Hemm sab jistennieh għal darba oħra, lil President tar-Repubblika Israëlija, u l-kbarat ta' ma' dwaru, fosthom lir-Rabbi l-Kbir tal-Lhud u lis-Sindku Lhudi ta' Ġerusalem, Merdokaj Ix-Xalôm. Dana, kif il-Papa niżel mill-karozza resaq lejh u sellimlu u kif titlob id-drawwa tagħhom, new-

Fis-sala fejn kellhom jiltaqgħu kien hemm imħejji tron għal Papa u xi pultruni għal Patrijarka Grieg u l-Kbarat li kellu miegħu, imma l-Papa ma riedx joqgħod fuq it-tron. Malli daħal il-Patrijarka Grieg, hu u l-Papa tgħannqu u tbewsu b'imħabba Nisranija u daħlu fis-salun u qagħdu għal ftit weħedhom jitħaddtu flimkien imbagħad daħlu l-Kbarat l-oħra.

Il-Patrijarka Atenagora qal lill-Papa, bil-Grieg dan il-kliem: "Kien hemm, fiż-żmien ta' qabilna, lejl

twil u mudlam ta' firda, u għajnejna għejjew iħarsu f'dak id-dlam! Niżżu ħajr 'l Alla, li l-Lvant u l-Punent setgħu issa jiltaqgħu bil-ferħa u l-imħabba tal-aħwa. Għandna tassew għax nifirħu meta nsellmu wieħed lill-ieħor f'din l-Art fejn Ġesù xandar l-Evanġelju". Imbagħad il-Patrijarka Atenàgora, fil-bqija tal-kliem tiegħu, wera l-aktar importanza lill-Ewkaristija u lid-Demm Għażiż ta' Kristu imxerred għall-Insara kollha bħala pleġġ tal-għaqda ta' bejniethom. U għamel enfasi fuq l-importanza li gaħndha dik il-laqgħa tiegħu mar-Ras tal-Knisja Rumana. Huwa xtaq li r-rieda tajba murija miż-żewġ naħat tkun l-bidu tat-taqrib tan-naħa l-waħda u l-oħra. "Din il-għaqda tista tkun imħaffa" baqa' jgħid il-Patrijarka, "bis-saħħa tal-Misteru tal-Ewkaristija, li fih l-Insara kollha huma magħquda fid-Demm wieħed, ta' Kristu, Sid u Ħallieq Wieħed". Il-Patrijarka sejjaħ lil Papa: "Wisq qaddis Ħija fi Kristu". Qallu wkoll: "Fittixna wieħed lill-ieħor, u sibna lil xulxin fil-Mulej". Wara li semma x-xogħol li għamel Ġesù għal għaqda bejn dawk li jimxu wrajh, u l-għajnuna li baqa' jagħtihom, il-Patrijarka għalaq kliemu hekk: "Li kien Kristu jmexxi bil-għaġla l-passi tagħna lejn il-post tal-laqgħa tagħna!"

U wara li l-Patrijarka Grieg temm dan il-kliem u kagħad bil-qegħda, il-Papa, bil-Latin, wieġbu hekk:

"Kbir huwa l-hena tagħna; mill-qalb huwa l-ferħ tagħna f'din is-siegħa, li fiha wara mijiet ta' snin ta' skiet u ta' stennija, il-Knisja Kattolka u l-Knisja Ortodossa mill-ġdid jiltaqgħu fl-Ogħla Mexxejja tagħhom. Kbira u mill-qalb hija wkoll il-għafja tagħna lejk, li ridt tħalli għal ftit żmien il-Maqgħad tiegħek ta' Patrijarka biex tiġi hawn biltaqa' magħna. Imma fuq u qabel kollox, lejn Alla Sid il-Knisja, għandha titla' minn qalbna t-tiżżija kiebja tal-ħajr tagħna.

"Għidut qadim tal-Insara kien li 'Nofs id-dinja' hu l-imkien fejn twaqqaf is-Salib Rebbieħ tal-Ħellies tagħna, li Hu, minnu, kif kien 'merfugħ, ġibed kollox lejh' (Ġwann XII, 32). Kienet ħaġa li taqbel, u ħsieb Alla ġiegħlha sseħħ, li f'dan l-imkien, f'dan in-Nofs tad-dinja dejjem qaddis u mbierek, aħna, żawwara, minn Ruma u minn Kostantinopli, stajna niltaqgħu; u hekk stajna ningħaqdu f'talba ta' qalb waħda.

"Int ħsibt għal din il-laqgħa minn żmien il-qatt minsi Papa ta' qabilna, Ġwanni XXIII, li l-qima u l-għożża li kellek għalih, int qatt ma ħbejthom, għax qalbek ħabritek, u għal hekk qabbilt għalih il-kliem tal-Vanġelu: 'Kien hemm raġel mibgħut minn Alla li ismu kien Ġwanni' (Ġwann, I, 6). Huwa wkoll kien xtaq din il-laqgħa, bħal ma int taf daqs kemm naf jien. Imma l-mewt tiegħu għall-għarrieda ma ħallietux li jġiegħlha sseħħ din ix-xewqa ta' qalbu. Il-Kelmiet ta' Kristu: 'Li huma jsiru l-koll ħaġa waħda', li samma' wisq drabi qabel mewtu juru ċar x'kien wieħed mill-egħżeż ħsebijiet tiegħu, li biex iseħħ, huwa qaddem lill-Alla l-agonija twila tiegħu u ħajtu l-għażiża.

"Nafu li minn naħa l-waħda u mill-oħra, it-toroq li jwasslu għall-għaqda jistgħu jkunu twal u mimlija tfixkil. Imma ż-żewġ toroq jieħdu l-waħda għall-oħra u jiltaqgħu fil-għajn tal-Vanġelu; u ma hux, jewilla, egħliem tajjeb li l-laqgħa tagħna tal-lum seħħet f'din l-Art fejn Kristu waqqaf il-Knisja tiegħu u xerred

demmu għaliha? Din hi, tkun xi tkun, dehra ċara tar-rieda qawwija, li għal ħniena t'Alla, qegħda dejjem tikber fost l-Insara li jistħoqqilhom dana l-Isem: jiġifieri r-rieda li jaħdmu għall-għan li jegħelbu l-firdiet u jneħħu l-ixkla; ir-rieda li jagħtu ruħhom bil-qalb it-tajba li jwittu t-triq li tieħu għall-għaqda. Il-għażla li hemm bejnietna, fejn għandu x'jaqsam it-tagħlim, il-Liturġija u d-dixxiplina, jeħtieġ li jkunu miflija, fiżżmien u l-imkien, b'rieda ta' fehma għas-sewwa u ftehim bl-imħabba. Imma dak li minn issa għandu jibda jseħħ u jgħaddi 'l quddiem, hija din l-imħabba tal-aħwa, bieżla, li tfittex dejjem kif turi ruħha; imħabba, li titgħallem mill-imgħoddi; li tkun imħejjija li taħfer; tmil biex temmen aktar bil-ħeffa l-ġid, milli d-deni; imxewwqa fuq kollox biex tixxiebaħ mal-Imgħallem Divin, u tħalli ruħha li tinġibed u titbiddel minnu.

"Xbieha u turija ta' din l-imħabba tkun il-bewsa, li għal ħniena tiegħu, Alla, tagħna li nbusu wieħed lill-ieħor f'din l-ART IMQADDSA. U hekk ukoll tkun dik it-talba li tgħallimna minn Ġesù Kristu, li issa ngħiduha flimkien. Jonqosna l-kliem biex infissru kif jixraq kemm messitilna qalbna din l-imġieba tajba tiegħek, u m'hux lilna biss. Għax il-Knisja Rumana u l-Konċilju Ekumenku, b'ħaqq li jilqgħu b'ferħ minn qalbhom din il-ġrajja li tibqa' tissemma.

"Sa fejn imiss lilna aħna nerfgħu lejn Alla, waqt wieħed, mat-tiżżija tal-ħajr, talb għal qliegħ tal-għajnuna, biex nibqgħu nimxu fit-triq li qbadna u biex jagħti, sewwa lilkom kemm lilna, li bdejnieha b'fidi u tama qawwija, kotra ta' grazzi missema.

"B'dawn il-ħsebijiet, ma ngħidulekx: 'Għal għażla', imma ngħidlek: 'Nerġgħu niltaqgħu' jekk jogħġbok, bittama ta' laqgħat oħra li fihom jibqa' jseħħ il-ġid, fl-Isem tal-Mulej".

Wara li ħareġ il-Patrijarka Grieg, Papa Pawlu VI ha xi ħaġa tal-ikel u daħal jistrieħ wara nhar ta' taħbit bla qjies.

## 11. *F'Betlehem.*

Il-Papa, il-għada fil-għodu, is-6 ta' Jannar, l-Epifanija, kellu jmur iqaddes fil-Għar ta' Betlehem, u mbagħad jitlaq lejn Ruma wara nofs inhar. Il-quddiesa kellha tibda fis-7, imma t-toroq ta' Betlehem li jieħdu għal Bażilka, kienu minn wisq qabel, mimlija bin-nies, li xej ma qatgħu qalbhom mill-kesħa ta' dik l-għodwa xitwija ta' Jannar. It-toroq kienu mżejjnin bil-bandieri u minn faċċata għall-oħra tad-djar kien hemm marbutin ħbula u magħhom imdendlin fanali u bozoz tal-elettriku b'ħafna lewnijiet. Fil-pjazza, il-Pulizija, mixgħufin minn dak li kien ġara jumejn qabel f'Bab il-Għamûd, irmaw rixtellu tal-ħadid qawwi u warajh ċrieki tal-*barbed wire*, u wara dan suldati u Pulizija, biex ċert li hu u għaddej il-Papa ma jkun jista' jaqsam ħadd. Hawn ukoll kien hawn nies ta' kull xorta: Misilmin u Nsara; bdiewa u beltin; Għarab, l-aktar u kotra ta' żawwâra mill-Ewropa u l-Amerka wkoll. Kollha ħasbu qamu bikri biex ikunu jistgħu jilħqu post fejn jaraw. U tfal, biċċa jiġru 'l hawn u 'l hemm qalb in-nies, u oħrajn weqfin ma' ġenb nieshom, kien hemm ma jingħaddux. Kull ħadd jistenna biex jara ġej il-Papa, dak il-Qaddej il-Kbir, ta Dak it-Tifel iż-Żgħir, li

twieled, ilu xi elfejn sena, f'dak il-Għar !

L-ajru kien ċar, u x-xemx ħamra telgħet fuq Betlehem minn wara l-iġbla ta' 'l il-hemm mill-Baħar il-Mejjet. Il-Papa, bil-ġilwa tal-karozzi miegħu telaq bikri minn Ġerusalem u qabad it-triq ta' Betlehem. Meta wasal ħdejn id-Dejr Grieg ta' Mar Iljâs, sab jistennewh is-Sindku u l-Kurat Latin ta' Betġâla, raħal hemm qrib, u kotra kbira ta' nies magħhom, biex jagħtuh il-merħba deher ġej jittajjar il-helikopter aħmar tar-Re Ħusejn. Kien ġie jara hux kollox kien sejjer tajjeb fil-pjazza. In-nies, fil-pjazza u fuq il-bjut bdew kollha jċapċpu jdejhom bħala merħba lir-Re tagħhom waqt li hu ħareġ idu mill-helikopter u beda jxejjer b'tislima lil kull ħadd. Il-helikopter imbagħad tbiegħed, u flok il-ħoss tiegħu beda jistama' d-daqq tal-qniepen tal-knisja. Il-Papa kien ġej, u kien qorob sew.

Fit-tmienja neqsin għaxar minuti



*Il-Għar ta' Betlehem. Fil-lemin: l-artal fejn qaddes il-Papa.*

u jbusulu jdejh. Il-Franġiskani ta' Betlehem, dak il-ħin, kellhom raġel għassa fuq il-bejt tad-Dejr, li malli ra l-ġilwa tal-Papa qegħda qrib il-Qabar ta' Rakêla, niżel tahom l-aħbar; u mill-bieb il-baxx tal-Bażilka ħarġet il-purċissjoni tal-Franġiskani biex imorru fil-pjazza jilqgħuh. F'daqqa n-nies bdew jgħajjtu: "Il-Melek ! Il-Melek !" (*Melek* bil-Għarbi jiġifieri *Re*) u kull ħadd beda jħares 'il fuq, għax stama' ħoss fl-ajru u deher il-Papa, ġej, bil-mant aħmar fuq kitfejh u l-kappell f'rasu, wieqaf ġewwa l-karozza, ibierek b'idejh ir-rassa tan-nies, li kienu jċapċpu jdejhom u jgħajjtu bil-ferħ. Wara l-Papa, bl-uniformi ħomor, kien hemm ġejjin is-suldati tal-Għassa tar-Re Ħusejn. Il-karozza s-sewda waqfet u l-Papa niżel minnha mbissem, u l-purċissjoni tal-Franġiskani mxiet lejn il-Bażilka bil-kant tal-*Benedictus*, u l-P a p a wrajha, jbierek, mdawwar bil-għases

u l-kbarat. Wasal f'bieb il-Bażilka u baxxa rasu biex daħal, bħal ma, barra mit-tfal iż-żgħar, ikollu jagħmel kull ħadd. Il-Papa mill-Bażilka għadda għall-kurridur tad-Dejr tal-Franġiskani, għal knisja ta' santa Katarina, fejn waqaf għal f t i t. Qgħad għar-rkubtejh u qal talba u għadda mill-ġdid għal Bażilka u niżel fil-Għar Imqaddes fejn kellu jqaddes fl-artal tal-*Maġi*, jew Sahrin. Talab ftit fil-Għar, tbaxxa u bies il-kewkba tal-fidda, u mar libes għal quddiesa. Għenuh iqaddes ż e w ġ Monsinjuri: Mons. Van den Lierde, Sagristan tal-Vatikan, u Mons. Dante, Prefett taċ-Ċerimonji. Wara l-quddiesa l-Papa ħalla rigal lill-Għar ta' Betlehem: warda tad-deheb u żewġ kalċijiet, kalċi minnhom mimli bl-inċens u l-kalċi l-ieħor mimli bil-mirħa, Minn hemm għamel ukoll taħdita twila u sabiħa imqassma fi tlieta: lil Kristu; lill-knisja, u lid-Dinja. (Ara żjieda "C"). Wara dan tala' mill-Għar u daħal id-Dejr u ħa kolazzjon ħafif u raġa' ħareġ; u fost il-għajjat tal-*evviva*, rikeb il-karozza u telaq lejn Ġerusalem, fejn kellu jiltaqa' darb'oħra mal-Patrijarka Atenagora, Ras tal-Knisja Ortodossa, fil-Palazz tiegħu, fuq Ġebel iż-Żejtun.

Il-Papa wasal Ġerusalem u daħal il-Palazz tal-Patrijarka li l a q g ħ u b'imħabba kbira. F'sala sabiħa fuq bradella baxxa kien hemm żewġ pultruni bħal xulxin, miksijin bil-bellus aħmar. Malli daħal il-Papa l-Patrijarka laqgħu b'dirgħajh miftuħa u għannqu miegħu u biesu, imbagħad qagħdu bil-qegħda jitħaddtu weħedhom għal ftit tal-ħin, u wara dan daħlu fis-sala wkoll il-Patrijarki l-oħra li ġew Ġerusalem mal-Kbir tagħhom Atenagora. Il-Patrijarka ta' Kostantinopli ta lil Papa *engolpion* sabiħ wisq, jiġifieri bħal domna kbira bix-xbiha ta' Wiċċ Kristu fiha, mdendla b'sinsla ħoxna tad-deheb u mdawwra bil-fosos tal-ħaġar prezzjus, dik li l-Patrijarki Griegi jkollhom imdendla fuq sidirhom, kif l-Isqfijiet Latini jkollhom imdendel is-salib. Imbagħad il-Patrijarka Atenàgora u l-Papa Pawlu VI qraw it-Talba ta' Krstu li tinsab fil-kap. XVII tal-Vanġelu ta' san Ġwann, qrawha vers kull wieħed, bil-Grieg u bil-Latin.

12. *Tluq lejn Ruma.*

Wara il-Papa n i ż e l fil-ġnien, u kif wasal qrib il-bieb ta' barra, għannaq għal darba oħra lil Patrijarka Atenagora, waqt li l-ġemgħa kbira ta' nies li kienu hemm bdew iħabbtu jdejhom u jgħajjtu bil-ferħ.

Minn hemm il-Papa rikeb il-karozza u mar għamel żjara lil Patrijarka Armen Derderjan; wara mar iżur ukoll il-Patrijarka Latin, Monsinjur Alberto Gori fil-Palazz tiegħu ta' Ġerusalem. U lil Patri Kustodju tal-Franġiskani fid-Dejr il-kbir ta' San Salvatur. Minn hemm telaq mill-ġdid lejn id-Delegazzjoni Apostolka fejn qagħad biss għal ftit tal-ħin.

Meta l-Papa kien ilu ftit id-Delegazzjoni tħabbarlu li kienu hemm jistennewh is-Sindku ta' Ġerusalem, Rubħi Ħabîb u l-Membri tal-Kunsill tiegħu. Dawn ġew u taw rigal lil Papa: Album bil-qoxra tal-għewwied taż-żebbuġ, bir-ritratti tal-Imkejjen Imqaddsa li jnsabu fil-Ġordanja, tifkira tal-poplu ta' Ġerusalem. Il-Papa ħadu u żżiehom ħajr bil-qalb. Kif kien ħiereġ mid-Delegazzjoni u sa jirkeb il-karozza, biex jitlaq, waqaf ikellem lil ġemgħa ta' żawwara minn Milan li kienu għadhom kemm waslu Ġerusalem. Semmielhom iż-żmien ta' meta kien Arċisqof ta' dik il-belt u qalilhom li fe-

rah b'dik il-laqgħa magħhom, għax reġgħet fakkritu f'ħafna ġrajjiet sbieħ imgħoddija.

Fis-sagħtejn neqsin kwart il-Papa rikeb il-karozza u l-ġilwa telqet lejn Għammân. Kienet magħmula minn ħmistax-il karozza u marru wkoll magħha s-suldati tal-Għassa tar-Re Ħusejn, rekbin il-muturi, taħt l-amar tal-Ġeneral Għakax Żejn. Bħal meta kien ġej minn Għammân, hekk ukoll issa, li kien sejjer, minn kull fejn għadda l-Papa sab nies barra weqfin b i e x jarawh għaddej u jsellmulu għall-aħħar darba. Billi l-ġilwa twaħħret ħtija tat-tislim tan-nies li ltaqgħet magħhom, wara triq ta' ma' dwar sitta u ħamsin mil, waslet Għammân fit-tlieta u kwart. L-Ajrudrom kien imżejjen bil-bandieri u r-Re Ħusejn mal-Ministri u l-kbarat tiegħu kien qiegħed jistenna l-wasla tal-Papa minn Ġerusalem. Is-sema kien ċar u x-xemx tiddi, imma billi Għammân qegħda fil-għoli, kienet ukoll tinħass il-kesħa sew. Għal hekk iċ-ċerimonja tat-tluq tal-Papa saret ġewwa l-*Pavilion*, fit-tenda tal-Għorba l-Kbar. Il-Papa kien liebes il-mantell aħmar fuq is-suttana l-bajda u k i f niżel mill-karozza ha b'id ir-Re Ħusejn, imbagħad ha wkoll b'id il-kbarat li kienu hemm.

Il-Papa u r-Re mxew flimkien u marru lejn il-*Pavilion*, waqt li l-ġemgħa tan-nies li kienu fl-Ajrudrom bdew iċapċpu jdejhom u jgħajjtu bil-ferħ. Telgħu flimkien fuq it-tribuna li kienet hemm għal daqs hekk, u l-banda daqqet l-Innu tal-Papa u warajh l-Innu tar-Re, waqt li żewġ bandieri kbar, tal-Vatikan u tal-Ġordanja, dak il-ħin ġew imtellgħa waħda kull naħa tat-tribuna. Wara dan il-Papa u r-Re niżlu u daħlu għal ftit weħedhom ġewwa sala u tħaddtu għal ħin qasir. Hemm, fizzjal għoli Ġordani resaq quddiem il-Papa u ġieblu kikkra kafè fuq gabbarrè tal-fidda, kif inhi d-drawwa tal-Għarab li jagħmlu fi ġrajjiet bħal dawn.

Sa dan il-ħin fis-sala l-kbira kienu nġabru l-Ambaxxaturi u l-Patrijarki u dawk kollha li kellhom jiġu biex jagħtu lil Papa l-aħħar tislima qabel it-tluq. Fost dawn kien hemm ukoll il-Patrijarka Ekumenku Atenàgora li ried ikun fil-qrib tal-Papa fil-ħin tat-tluq. Malli t-taħdita ta' Pawlu VI u r-Re Ħusejn weħedhom, ħelset, telqu flimkien lejn is-sala, meta kienu l-erbgħa u għoxrin minuta sew. Meta daħlu fis-sala, l-Papa kien jidher ferħan, u għad li dik inhar ukoll għalih kien nhar ta' taħbit, ma kienx jidher li hu għajjien ħafna.

L-ewwel ma tkellem kien ir-Re Ħusejn tal-Ġordanja. Tkellem bil-Għarbi u fisser ix-xewqa tiegħu li l-Papa bil-miġja tiegħu fl-Art Imqaddsa kien kiseb dak li kien jixtieq. "Nittama", qal ir-Re "li l-qalb tiegħek xegħlet bin-nar li sibt iħeġġeġ fil-qlub ta' wlied il-Ġordanja. Int tlabtni, biex jien, mar-rjus tal-Ġnus l-oħra naħdem għas-Sliema tad-dinja. Nagħtik il-kelma li jien dan nagħmlu b'qalbi kollha; imma naħdem ukoll għal ħaqq; għax ma jistax ikun hemm Sliema tas-sewwa mingħajr ma jkun hemm ħaqq bejn il-Ġnus !" Imbagħad ir-Re Ħusejn ta l-kelma lil Papa u miegħu lill-Insara kollha li jħares l-Imkejjen Imqaddsa u jħalli lil kull ħadd li jmur iżurhom. Semma wkoll lil Ħalîf Għômar li meta ha 'l Ġerusalem l-ewwel wieħed, ħalla lil kullħadd iħares l-omra tad-Din tiegħu. "Għal mijjiet ta' snin" qal ir-Re, "aħna lqajna ż-żawwâra tad-dinja kollha, u hekk ukoll ilqajna lilek, l-akbar wieħed fost iż-żawwâra.

Alla jkun miegħek, u jwasslek f'artek bis-Sliema !"

Il-Papa għal kliem tar-Re wieġeb hekk:

"Es-Salâm għalajkom !" U wara li heda ċ-ċapċip u l-għajjat ta' ferħ għal dan il-ġiħ lill-art tal-Ġordanja, il-Papa Pawlu VI beda jitkellem bl-Ingliż u qal hekk: "The time has come for Us to take leave of this blessed land after Our unforgettable Pilgrimage. We cannot depart without expressing anew and publicly Our profound grattitude to Your Majesty and to the Civil Authorities who have done so much to facilitate Our travels and to make them fruitful.

"For ever in Our heart We shall bear the consoling memories of this humble visit to the Holy Places and of the warm welcome extended to Us by the inhabitants of this Sacred Land. May God reward them ! May He wipe away their tears, and grant them peace, prosperity and true happiness !

"In the words which the Apostle Paul used to the Christians of Ephesus in the bidding them farewell, We also commend You to God and to the word of His Grace, who is able to build up and to give the inheritance among all the sanctified. And as he wrote to the Ephesians We exhort You: Let all bitterness and wrath and indignation and clamour and reviling be removed from you, along with all malice. On the contrary, be kind to one another, as God in Christ has generously forgiven you !

"And repeating the Apostolic salutation: Peace be to this land, and to all those who dwell therein ! We call down upon You all the richest Graces from on high, imparting to you and your loved ones and to all the beloved people of Jordan Our particular F a th e r l y Apostolic Benediction. B'Ħaterkom !"

Ftit wara dan il-kliem, waqt li fl-ajru ttajru l-*fighters* tal-Ġordanja, bħal għassa tal-ajruplan tal-Papa, u beda jidwi l-ħoss tat-tiri tal-kanuni tas-sliem, l-ajruplan kbir bil-lewnijiet tal-Vatikan inqata' mill-art fl-Ajrudrôm ta' Għammân, u fid-dija ħamra tax-xemx li kienet qorbot biex tgħib, dawwar rasu lejn Ruma.

U hekk intemmet iż-Żjara li għamel il-Papa Pawlu VI lill-ART IMQADDSA, ġrajja li saret darba, imma ma tintesa qatt.

---

## Żjieda "A".

*Kliem li kien bi ħsiebu jgħid il-Papa fil-misraħ ta' quddiem Bab il-Għamud.*

"Sinjur Gvernatur; Sinjur Sindku; Nies ta' Ġerusalem,

"U intom il-koll li ġejtu mill-qrib u mill-bgħid, li intom ma' dwarna f'dan il-waqt: ilqgħu t-tislima tagħna ! Hudu l-kelma tal-ferħ tagħna u tal-għaxqa li timlielna qalbna, fil-waqt li naqbżu 'l ġewwa mill-għatba tal-Belt Imqaddsa. Il-lum seħħet għalina dik il-ġrajja li kienet ix-xewqa ta' wisq nies fi żmien il-Patrijarki u l-Profeti. Li kienet ix-xewqa ta' wisq żawwarin li ġew ma'tul għoxrin seklu biex iżuru l-Qabar ta' Kristu. Il-lum aħna nistgħu ngħidu mal-Kittieb Imqaddes: 'U issa nmiddu riġlejna ġewwa bibienek, ja Ġerusalem !' (Salm CXXII, 2). U nżidu miegħu fis-sewwa kollha: 'Araw il-jum li għamel Alla, jum ta' ferħ u ta' hena !' (Salm CXVII, 24).

"Minn qiegħ qalbna niżżu ħajr lill-

Alla li jista' kollox li wassalna sa hawnekk u sa dal-ħin. U aħna nistiednu lilkom il-koll biex tissieħbu magħna f'din it-tiżżija ta' ħajr tagħna.

"L-ewwel fost kull ħadd nistqarru r-rikonoxxenza tagħna lill-Awtorità għal din il-laqgħa mħeġġa li kienet imħejjija għalina. Lin-nies ta' Ġerusalem nistqarru l-għożża tagħna għal ħeġġa tagħhom lejn il-ħwejjeġ t'Alla u għad-drawwiet tagħhom sa millqedem li juru ħniena u jagħtu għajnuna lil dawk kollha li jiġu jżuru l-IMKEJJEN IMQADDSA. A ħ n a nistednuhom li bħalna jerfgħu jdejhom u qalbhom lejn is-sema, biex Alla jxerred fuq il-Belt tagħhom il-kotra ta' barkietu."

## Żjieda "B".

### KLIEM TAL-PAPA PAWLU VI

*Waqt il-Quddiesa fil-Għar tal-Lunzjata f'Nazaret.*

"F'Nazaret, l-ewwel ħsieb tagħna jmur lejn Marija Santissma, biex inressqu quddiemha l-egħliem tal-qima tagħna. Biex inħeġġu lil dil-qima b'wastijiet li jġiegħluha tkun vera; t k u n waħdana, bħal ma l-ħsieb t'Alla jrid li tkun. Lil Dik, li hi mimlija bil-grazzja; lil Dik, li hi bla tebgħa; lil Dik, li hi dejjem Verġni. Lill-omm ta' Kristu, għal hekk ukoll hi Omm Alla u Omm tagħna. Għal Dik, li telgħet is-sema; għas-Sultana wisq ħienja, mera tal-Knisja, u tama tagħna.

"U bil-ħeffa nressqu quddiemha l-fehma tagħna, kiebja u binija, li rridu dejjem inweġġħuha, u nfaħħruha b'għożża barranija; għożża li tagħraf il-ħwejjeġ kbar magħmula fiha minn Alla, b'għan w a ħ d a n i li jħarreġ il-ħsus tagħna tal-akbar imħabba, tal-akbar safa, tal-akbar ħniena; ħsus l-aktar qalbija u mitwemmna. Fehma, li tgħolli 'l fuq, ogħla mid-dinja, lil Din ix-xempju tal-akbar temma fost in-nisa. U ta' malajr inressqu quddiemha t-talb tagħna, għal dak li hu l-aktar f'qalbna, għax irridu nagħtu ġieħ lit-tjieba tagħha, lil qawwa tagħha fl-indaħîl għalina, u fl-imħabba lejna: talb li jnissel f'ruħna vera qima lejha; talb li jagħtina l-ħjiel, ix-xewqa, l-emmna, u s-saħħa, tal-indafa tar-ruħ u tal-ġisem; l-indafa tal-ħsieb u tal-kelma; tal-ġmiel, u tal-imħabba; dik l-indafa li l-lum id-dinja ma tafx aktar kif taqbad tkasbar u tniġġes; dik l-indafa li magħha Kristu rabat weghda minn weghdietu, barka minn barkietu; il-weghda u l-barka tal-ħarsa niffieda fid-Dehra t'Alla. U għal hekk hija t-talba li nkunu milqugħin minnha, mill-Madonna, minn Sidt id-dar, flimkien mal-ħanin u qawwi għarus tagħha Ġużeppi, fil-ħbeberija ta' Kristu, l-Iben tagħha, Bin Adam, u Bin Alla: Ġesù!

"Nazaret hija l-iskola tal-bidu tat-tfehim tal-ħajja ta' Ġesù. Hi l-iskola tal-Vanġelu. Hawn nitgħallmu nitlieħżu, nisimgħu, naħsbu, u nidħlu fit-tifsir, wisq egħmîq u moħbi ta' dik id-dehra wisq irżina, wisq kiebja, wisq sabiħa. Jista' jkun li mingħajr ma nintebħu nitgħallmu wkoll li ngħixu bħalhom. Hawn nitgħallmu l-kif, li bih nistgħu nidħlu fit-tagħlim ta' Kristu. H a w n jiftiehem kemm hu meħtieġ li wieħed ilieħeż r-rqaqat tal-imġieba tiegħu magħna; l-imkejjen, l-iżmna, id-drawwiet, il-lingwa, id-Djiena, li bihom Ġesù nqeda biex juri ruħu lid-dinja. Hawn

kollox jitkellem; kollox ifisser xi ħaġa; kollox għandu żewġ tifsiriet: tifsira barranija, tal-ħsus, u tifsira ġewwenija, tal-qalb u tar-ruħ.

"It-tifsira l-barranija hi dik, li biha l-ħsus ta' dawk li jkunu hawn, jilqgħu u jħossu mid-dehra tal-Vanġelu, dak li jkun in-naħa ta' barra, u jiflu biss u jqisu l-qoxra tal-lingwa u tal-ġrajja tal-Kotba Mqaddsa, li hi dik li fil-lsien tal-Bibbja jgħidulha l-'littra', li hija tas-sew ħaġa għażiża u meħtieġa, imma mudlama, u tista' ġġib ħolm, u kburija ta' għerf lil dawk li ma jħarsux b'għajnejn ċari, b'ruħ kiebja, b'fehma tajba u talba ġewwenija, lejn id-dehra kbira tal-Vanġelu li tgħatti t-tagħlim tiegħu ġewwieni, jiġifieri: l-kixfa ta' kull ma hu sewwa, ta' kull ma hu siedaq, li ġewwa fih jinsabu magħluqa. Il-Vanġelu jagħti l-kixfa tas-sewwa biss lil min imur joqgħod fejn jaqbel id-dawl, in-naħa li tiltaħaq mir-ruħ ta' rieda tajba, jiġifieri tal-ħsieb u tal-qalb; xart li jiġi mill-bniedem, li kull ħadd kien jaqbel li jagħti lilu n-nifsu — li joħroġ flimkien mal-leħħ tad-dawl tal-grazzja, li tingħata bla ħlas, bla qjies u bla wżin, u ħielsa; dik il-grazzja li għal misteru tal-ħniena li tmexxi x-xorti ta' wlied Adam, ma t o n q o s x f'ħinijiet u f'għamliet li jiltaqa' magħhom kull nies li jkollu rieda tajba.

"Hawn, f'din l-iskola, nitgħallmu l-ħtieġa li jkun hemm ħakma ruħija, jekk irridu nkunu wlied il-Vanġelu w-Ixirka ta' Kristu. Oh! Kemm kieku nixtiequ li nerġgħu nsiru tfal u nidħlu f'din l-iskola kiebja u mixhura ta' Nazaret! Kemm nixtiequ ntennu, ma' ġenb Marija, l-bidu tat-tagħlim tagħna, tal-għelm tas-sew tal-ħajja, u tal-għerf għoli tal-veritajiet t'Alla! Imma mixjetna hija mixja mgħaġġla, u ma nistgħux nagħmlu ħaġa oħra ħlief inħallu hawn ix-xewqa ta' dan it-taħriġ fit-tagħrif tal-V a n ġ e l u . Imma ma nitilqux minn hawn qabel ma niġbru, bil-ħatfa, qisna qegħdin nisirqu, xi frakijiet mit-tagħlim ta' Nazaret.

"Tagħlima tas-skiet: targa' tiġi fina il-għarfa tas-siwi ta' dan il-meħtieġ u tal-għaġeb, ħin tar-ruħ; tiġi fina, li aħna mtarrxa b'wisq ħsejjes, b'wisq għaġeb ta' wisq ilħna, fil-ħajja kollha għâwa, li aħna fiha. Skiet ta' Nazaret, għallimna l-ġabra! Għallimna l-ħajja ġewwenija! Għallimna kif nitħejjew biex nisimgħu t-tnebbih u nitmegħxu mill-kliem tal-imgħallmin tas-sewwa. Għallimna s-siwi u l-ħtieġa tat-tħejjijiet għall-istudju; għal meditazzjoni; għal ħajja tagħna nfusna ġewwenija; għat-talb li Alla biss jarah, fil-moħbi!

"Tagħlima tal-ħajja tad-dar: ijgħallem Nazaret x'inhija l-familja; liema hi l-għaqda tagħha ta' mħabba; liema hu l-ġmiel, irżin u qawwi, tagħha; liema hi x-xorta qaddisa u sħiħa tagħha; jgħallem Nazaret kemm hi, fid-dar ħidma ħelwa, u li ma tistax tingħata 'l ħadd ieħor, it-torbija tal-ulied; jgħallem Nazaret, kemm għandu egħruq għemiqa, u kemm hu għoli t-tagħlim tat-tixrik tagħha!

"Tagħlima tax-xogħol: Oh, Nazaret! Oh, dar ta' Iben in-Naġġâr! Kif irridu hawnekk nifhmu, u ta' hawn infaħħru l-liġi ħarxa u feddejja tal-ħidma ta' bin Adam! Hawn nibnu mill-ġdid il-għelm tal-ġiħ tax-xogħol; hawn jitfakkar kif ix-xogħol ma jistax ikun għan tiegħu n-nifsu; u, kif wisq għoli u ħieles huwa jsir, daqs kemm huwa, barra mis-siwi għal ksib tal-ħajja, is-siwi l-ieħor, li hu il-għan tiegħu. Hawn insellmu lil

ħaddiema kollha tad-dinja, u lilhom nuru l-Kbir Seħibhom, Ħuhom id-Divin, il-Profeta ta' kull ħaqq tagħhom: il-Mulej Ġesù.

"Araw, kif il-ħsieb tagħna ħareġ minn Nazaret, u mar jiġġerra fuq dawn l-iġbla tal-Galilija, li taw is-sala tal-ħulqien għal-leħen tal-Imgħallem u Mulej. Jonqos iż-żmien, u tonqos il-qawwa biż-żejjed biex wieħed iħaqqaq f'dan il-ħin il-Bxara Divina; Bxara ta' kobor li ħadd ma jista' jqisha.

"Imma ma nistgħux niċċaħħdu u ma nħarsux lejn il-Għolja qariba tal-Bejatitudni, li huma l-ogħla quċċata tal-Vanġelu u jaħkmu t-tagħlim kollu tiegħu; li nwaqqfu widnejna għad-diwi ta' dak il-kliem, li donnu baqa' mnaqqax f'din l-arja misterjuża, u qisu jasal sa ħdejna. Huwa l-leħen ta' Kristu, li jxandar il-Għaqda l-Ġdida; il-Liġi l-Ġdida, li tixrob u tagħleb lil Qadima, u twassal xogħol bin Adam fi klîl it-temma. Dak li l-aktar li jċaqlaq lil bin Adam biex jaħdem, huwa l-ħtieġa, li tagħfas fuq il-libertà tiegħu; fi żmien il-Għaqda l-Qadima kien il-biża'; fit-taħriġ taliżmna kollha, huwa l-istint, huwa l-interess. Għal Kristu, li l-Missier tah lid-dinja b'imħabba, dak li ġiegħlu jaħdem, kienet l-imħabba. Huwa n-nifsu, narawh joqgħod għarrieda tal-oħrajn, u dan għall-imħabba. Din kienet il-ħelsa tiegħu; għax kif ijgħallimna santu Wistin: 'Alla tagħa omra neqsin lil Poplu li ma seħħlux iżomm taħt il-biża'. U tagħa omra aktar sħaħ, b'Ibnu, lil Poplu, li hu ħaseb biex jeħelsu bl-imħabba' (P.L.34, 1231). Kristu, bil-Vanġelu tiegħu, ġieb fid-dinja l-għan il-kbir tas-saħħa l-kbira tal-ħidma, u għal hekk ukoll, tal-libertà u tal-mogħdija 'l quddiem, li hi l-imħabba. Ebda għan ma jista' jagħleb lill-imħabba; ma jistax ikun hemm għan akbar minnha; jew li joqgħod fi mkienha! Il-Vanġelu ta' Kristu huwa l-Liġi tal-ħajja. Bin Adam, fil-kelma ta' Kristu jilħaq l-ogħla tarġa tiegħu; u xirket in-nies, fiha, issib il-għaqda li l-aktar taqbel, u li hi l-aktar qawwija.

"Mulejna Ġesù, aħna nemmnu l-kelma tiegħek! Aħna nfittxu li nħarsuha u ngħixuha!

"Issa, nisimgħu d-diwi jdur fi rwieħna, ta' nies li aħna tas-seklu Għoxrin. Qisna nisimgħuh iwissina: 'Imberkin aħna, jekk fil-faqar tar-ruħ nagħarfu neħelsu fehmitna mill-wemna qarrieqa tal-ġid tad-dinja, u nqegħdu l-ewwel xewqat tagħna fil-ġid tar-ruħ u tad-Djiena. U mberkin aħna jekk ikollna lejn il-foqra qima u mħabba, bħalli kieku kienu ħutna, u xbiehat ħajjin ta' Kristu!'

"Imberkin aħna, jekk imdorrijin bil-ħlewwa tal-qawwijin, nagħarfu niċħdu s-saħħa ħażina tal-mibegħda u tal-vendetta u jkollna l-għaqal li bdiel il-biża' tas-sjuf u l-ħrieb, ninqdew bil-ħniena tal-maħfra; bit-tisħiba flimkien tal-libertà u tax-xogħol; bir-rebħa tat-tjieba u tas-sliema!'

"Imberkin aħna, jekk ma naħtarux l-egojiżmu bħala x-xiber li bih inqisu ħajjitna, u anqas il-għaxqiet bħala l-għan tagħha. Imma nagħarfu nsibu s-saħħa, fit-tidqis; il-fidwa fl-uġiegħ; u fil-faqar insibu l-kobor.'

"Imberkin aħna, jekk aktar nagħżlu li nkunu maħqurin milli ħaqqâra; u jekk ikollna dejjem il-ġugħ għa s-sedqa u s-sewwa. Imberkin aħna, jekk għal Saltnet Alla, fiż-żmien u barra ż-żmien, nagħarfu u nitħabtu; naħdmu, u naqdu; inba-

tu, u nħobbu. Jekk nagħmlu hekk qatt ma mmorru mqarqa!'

"Hekk, jidhrilna, li n i s i m g ħ u l-lum, leħen l-Imgħallem. Qabel kien leħen aktar qawwi, aktar ħelu, u aktar tal-biża': għax dak kien il-Leħen t'Alla! Imma aħna, waqt li nfittxu li niġbru xi diwi minn kliem l-Imgħallem, jidhrilna li nsiru Ixirka tiegħu, u nsiru wkoll, m'hux bi ħliqa, mimlijin b'għerf ġdid u qlubija kbira!"

---

# Żjieda "C".

## KLIEM IL-PAPA PAWLU VI

*Wara l-Quddiesa fil-Għar ta' Betlehem.*

"F'Betlehem għandna tliet kelmiet ħfief xi ngħidu. L-ewwel kelma lil Kristu; it-tieni, lil Knisja, u t-tielet lid-dinja.

"Lil Kristu, f'din il-festa tal-Epifanija, bil-ħsieb tagħna miġbur fittifsir ta' bi tnejn, u ta' bla tarf, tagħha, jiġifieri: l-wirja t'Alla u s-sejħa tan-nies kollha għal Fidi, aħna nagħtu l-kiebja, imma sħiħa u mimlija bil-ferħ, stqarrija tal-Fidi, ta' Tama, u ta' Mħabba, tagħna. U ntennu lil Ġesù b'qalbna kollha, l-istqarrija ta' Pietru: *Int il-Kristu, Iben Alla l-Ħaj*! U ngħidulu wkoll bħal Pietru: *Mulej, għand min immorru? Int biss għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem*! U ntemmu wkoll b'kelma oħra ta' Pietru, kelma li ħierġa mill-qalb, u kollha ndiema: *Mulejja, Int taf kollox! Int taf li jien inħobbok*!

"Lil Ġesù, bħal ma darba għamlu l-Maġi, nagħtu l-għotjiet tagħna, biex nagħarfu fih il-Kelma t'Alla magħmul Bniedem; iben Marija, is-Safja, il-Qaddisa; Ħuna l-bikri, fost i n - ni e s kollha; il-Messija; Kristu l-Bejjien waħdani li ma ngħaddux mingħajru bejn Alla u bejn'na; il-Qassis; l-Imgħallem; ir-Re; Dak li kien minn dejjem, li Hu issa, u li jibqa' għal dejjem.

"F'din l-istqarrija titfisser il-fehma tal-Knisja ta' Ruma, li kienet il-Knisja ta' Pietru, li fuq din il-Ħaġra, ja Mulej, issejset din il-Knisja, u għal hekk hija l-Knisja tiegħek. Int qiegħed magħha; Int tħarisha; Int tisfiha; Int tqawwiha, Int tagħtiha l-ħajja, ja Kristu Ruman!

"Jitfisser ukoll, ja Mulej, f'din l-istqarrija, il-leħen tal-Knisja tiegħek kollha, dik li Int trid, u tagħmel tiegħek, qaddisa, kattolka, apostolka; ir-Rgħajja kollha; il-Qassisin kollha, ir-Rħieb kollha, l-Insara kollha, il-Katekumni kollha ta' din il-Knisja universali, jistqarru flimkien magħna din l-istqarrija ta' Fidi, Tama u Mħabba; il-koll nilqgħu l-umiltà tiegħek u nagħarfu l-kobor tiegħek. Il-koll nisimgħu l-kelma tiegħek u nistennew ir-reġgħa tiegħek aħħarija. Il-koll niżżuk ħajr, ja Mulej, talli fdejtna, talli għamiltna wlied Alla u aħwa tiegħek, u għanejtna bil-għotjiet ta' Ruħ il-Qodos. Il-koll inwegħduk li ngħixu ta' Nsara, billi nagħmlu ħilitna kollha biex nibqgħu dejjem fil-grazzja tiegħek u fit-tiġdid morali tagħna. Il-koll infittxu li nxerrdu mad-dinja l-Bxara tiegħek, ta' saħħa u ta' mħabba.

* * *

2. "Imbagħad, quddiem il-benniena tiegħek, ja Mulej, ngħidu lil Knisja, li tagħha ridt tagħżel bħala Ragħaj Universali lil Persuna modesta tagħna, kelma oħra. U l-kelma hi din weħedha: Ħalli l-Knisja ta' Kristu tissieħeb u tkun magħna, fl-of-

ferta li għamilna, f'isimha wkoll, lil Mulej. F'din il-għaqda tinsab l-istess effiċjenza tagħha, il-ġiħ tagħha, l-armonija tagħha, b'dawk in-noti li juru biċ-ċar li hija tas-sew il-vera Knisja. Issa hija s-siegħa storka li fiha l-Knisja ta' Kristu għandha tgħix fil-għaqda egħmîqa u diehra tagħha. Hija s-siegħa li fiha għandna nwieġbu għal kelma ta' Kristu: 'Tkunu magħqudin għaqda waħda, u d-dinja tagħraf li Int, Missier, huwa li bgħattni'. U bħal ma l-knisja tkun waħda minn ġewwa, hekk ukoll tkun waħda l-qawwa tagħha Apoloġetka u Missjonarja.

"Jeħtiġilna li nwasslu sat-tmiem il-Konċilju Ekumeniku tagħna. Jeħtieġ li nagħtu lil ħajja tal-Knisja fehmiet ġodda, ta' ħsebijiet u ta' drawwiet; ġmiel tar-ruħ, ta' kull xorta, fil-ħsebijiet, fil-kliem, u fit-talb; fit-trobbija, u fis-snajja' u fil-Liġijiet tal-Knisja. Jeħtieġ li l-koll flimkien, b'qalb waħda, nagħmlu saħħitna, u kull xorta ta' nies jagħtu l-għajnuna. Ħalli kull ħadd jisma' l-istedina, li minn Kristu, bil-leħen tagħna, qegħda tingħamillu!

"Dana ngħiduh għal Kattolki, li minn issa jinsabu fil-għalqa mħarsa ta' Kristu. Imma ma nistgħux ma nistednux ukoll lil ħutna l-Insara li m'humiex għal kollox magħqudin magħna. Issa hi għal kull ħadd ħaġa ċara li ma nistgħux naħarbu l-problema tal-Għaqda. Il-lum ix-xewqa ta' Kristu qegħda tagħfas fuq ruħna u ġġiegħlna li nagħmlu, bil-għaqal u bl-imħabba, dak kollu li jista' jsir biex l-Insara kollha kemm huma jkunu jistgħu jihennew bil-ġid u l-ġieħ kbar tal-Għaqda tal-Knisja.

"Ukoll f'din il-ġrajja liema bħalha, jeħtieġ li ngħidu li egħmil bħal dan ma jistax ikun ta' tfixkil għal veritajjiet tal-Fidi. Ma nistgħux nonqsu fis-sensil ma' dan il-wirt ta' Kristu; il-wirt ma hux tagħna, imma tiegħu. Aħna ma aħniex ħlief il-għassiesa, l-Imgħallmin, il-fissiera. Imma nerġgħu ntennu li aħna mħejjin biex niftiehmu fuq kull ħaġa li tista' tkun, biex inwittu t-toroq tal-ftehim, tal-qima, tal-imħabba fiż-żmien li ġej, li jekk Alla jrid ikun żmien qrib, li fih niltaqgħu ma ħutna l-Insara li s'issa għadhom mifrudin minna. Il-Bieb tal-għalqa, miftuħ. It-tama ta' kull ħadd hi fil-fehma u fil-qalb. Ix-xewqa hi qawwija u siebra. L-imkien li għandna għaliehom huwa kbir u tajjeb. Il-pass li jingħata jkun milqugħ bil-għożża tagħna, u jista' jsir bil-ferħ u bil-ġieħ miż-żewġ naħat. Aħna ma nitolbux egħmejjel li ma jkunux ħielsa u mitwemmna; imċaqalqin dejjem minn Ruħ il-Mulej li *jonfoħ innifs tiegħu fejn u meta jrid.* Nistennew dik is-siegħa ħienja. Bħal issa nitolbu biss lil ħutna l-mifruda, dak li hu mħejji għalina: tkun l-imħabba ta' Kristu u tal-Knisja li ġġebilna f'moħħna kull egħmil li għandu jsir għat-taqrib ta' bejn'na u bejnhom, u għat-taħdit ta' bejnietna. U nwaħħlu f'moħħna li x-xewqa tal-ftehim u tal-Għaqda tibqa' msenbħa u tishar fina, u nqegħdu tamitna fit-talb, li għal kemm s'issa ma hux bħal ta' xulxin, isir tal-anqas f'ħin wieħed, u jitla' flimkien, tagħna u ta' ħutna l-mifruda, biex jiltaqa' ma xulxin fil-għoli u jinġabar f'Alla tal-Għaqda.

"Insellmu, mela, b'qima kbira u b'għożża lil mixħurîn u mweġġħin Irjus tal-Knejjes magħżulin minn tagħna, li huma hawn quddiemna. Niżżuhom ħajr bil-qalb talli huma wkoll ħadu sehem f'din iż-żjara tagħna. Nagħtu ġieħ lil kull ma huma jaħkmu mit-teżor veru tal-wirt Nisrani, u nfissrulhom ix-xewqa tagħna għal fte-

him fil-Fidi, fl-Imħabba u fid-Dixxiplina tal-Knisja waħda ta' Kristu, u nagħtu x-xewqat tagħna għal ġid u s-sliem lir-Rgħajja kollha, lil Qassisin kollha, lir-Rħieb kollha, u lill-Insara kollha ta' dawn il-Knejjes u nitolbu li jinżel fuq il-koll id-Dawl u l-ħajr ta' Ruħ il-Qdusija.

"Issa aħna ħenjin, li l-laqgħa li hawnekk iltqajna, f'dawn il-jiem imbierka, mal-Patrijarka Ekumenku ta' Kostantinopli, kienet laqgħa ta' mħabba, u li hu deher mimli b'tamiet mill-aħjar. Niżżu ħajr 'l Alla, u b'qalbna kollha nitolbuh, li Hu n-nifsu, li beda fina l-ħidma t-tajba, Huwa n-nifsu wkoll itemmha. Il-Mulej, li beda fina dan ix-xoħgol tajjeb ta' Sliema, u Għaqda, iwasslu wkoll Hu n-nifsu fi tmiemu.

* * *

3. Imbagħad, lid-dinja rridu ngħidulha kelma, minn dan l-IMKIEN IMQADDES, u f'din is-siegħa, ebda bħalha. Irridu nfissru bil-kelma 'dinja' lil dawk kollha li jħarsu lejn id-Din Nisrani minn naħa ta' barra, bħalli kieku li huma, jew li jħossu ruħhom li huma, barra minnu. Aħna rridu, qabel kollox, nuru ruħna għal darba oħra, lid-dinja li fiha ninsabu. Aħna, l-Quddemin u l-Mexxejja tad-Din Nisrani, inħossu ruħna fis-sewwa; inħossu li qegħdin immexxu ħidma li ġejja minn Alla. Aħna, l-Ixirka tal-Appostli, il-Missjonarji ta' Ġesù, Bin Alla u Bin Marija, il-Messija, il-Kristu. Aħna, li għadna sejrin bix-xogħol tiegħu, il-ħabbâra tal-Bxara tiegħu; il-qaddejja tad-Din tiegħu, li nafu li jagħmel tajjeb għalih Alla, u li qegħdin fis-sewwa. Aħna għandna ħidma oħra, li hi dik li nħabbru lill-oħrajn it-twemmin tagħna. Aħna ma nitolbu xej ħlief il-ħalla li nistqarru dan id-Din, u li nagħtuh lil min, minn rajh, jilqgħu; tweminna hu: r-rabta, bejn Alla u bin Adam, imsewwija minn Ġesù Kristu Sidna.

Imbagħad irridu nżidu ħaġa oħra, li nitolbu lid-dinja li tara, bis-sinċerità, jekk għandhiex issir. Din il-ħaġa hija l-għan ewlieni tal-Missjoni tagħna, hija din: Aħna nixtiequ naħdmu għal ġid tad-dinja; għal dak li jaqbel lilha; għal ħelsien tagħha. U naħsbu wkoll li l-ħelsien li aħna rridu nagħtuha, hu ħaġa meħtieġa.

"Ġewwa din it-taħqiqa siedqa tagħna, jinsabu bosta ħwejjeġ oħra. Jiġifieri: li aħna nħarsu lejn id-dinja b'mogħdrija kbira bla tarf. Jekk id-dinja tħoss ruħha 'l barra mid-Din Nisrani, id-Din Nisrani ma jħossx ruħu 'l barra mid-dinja, tkun xi tkun id-dehra tagħha, u x-xorta ta' tweġiba li lilu twieġeb. Għandha tkun taf id-dinja, li hija mweġġgħa u maħbuba, minn min hu fir-Ras u qiegħed imexxi d-Din Nisrani, b'għożża kbira li qatt ma tiħela. Hi l-imħabba li t-twemmin tagħna jqiegħed ġewwa l-qalb tal-Knisja, li ma tagħmilx ħaġa oħra ħlief taqdi ta' triq, għall-imħabba bla tarf, tal-għaġeb, t'Alla lejn ulied Adam.

"Dana jfisser li l-Missjoni tad-Din Nisrani hija Missjoni ta' ħbiberija f'nofs ġens bin Adam. Missjoni ta' ftehim, ta' egħmil il-qalb, ta' mogħdija 'l quddiem, ta' tlugħ 'il fuq, u ngħidu wkoll, ta' ħelsa. Aħna nafu li bin Adam il-lum għandu l-ħeġġa, u jrid jagħmel ta' rasu, u jagħmel egħmil ġdid u tal-għaġeb imma dawn il-egħmejjel ma jagħmluhx aktar tajjeb anqas aktar ħieni, anqas jaqilgħu d-deni ta' ġens bin Adam minn għerqu, fid-dewmien tiegħu, u fil-kobor tiegħu. Aħna nafu li bin Adam qiegħed jinħaqar, għax jinsab bejn ħal-

tejn. Aħna nafu li f'ruħu jinsab wisq dlam, u tinsab wisq tbatija. Aħna għandna kelma xi ngħidu li nemmnu li taqta' dan kollu, u nagħmlu l-qalb li ngħiduha, għax hija kelma ta' nies, kelma ta' bin Adam lil bin Adam. Dak Kristu, li aħna nħabbru lin-nies, huwa *Bin Adam*, hekk huwa kien isemmi lilu n-nifsu. Huwa l-Iben il-Bikri; huwa x-xempju tal-ġens il-ġdid ta' wlied Adam. Huwa ħuna; huwa seħibna; huwa ħabibna fuq l-oħrajn kollha. Huwa dak li fuqu biss seta' jingħad fis-sewwa li kien jagħraf x'hemm fil-qalb ta' bin Adam (Ġwanni, II, 25) Hu tas-sew l-Mibgħut minn Alla; imma mibgħut biex jeħles lid-dinja m'hux biex jagħti ħtija lid-dinja, (Ġwanni, III, 17).

"Huwa r-Ragħaj it-Tajjeb ta' wlied Adam. Ma hemmx siwi ta' bin Adam li ma qiemux, li ma refgħux, li ma ħelsux. Ma hemmx tbatija fost it-tbatijiet ta' wlied Adam, li huwa ma ħamilhiex, ma fehemhiex, u ma tahiex siwi. Ma hemmx ħtieġa ta' bin Adam, li ma tkunx nuqqas morali, li hu ma refagħhiex u ħamilha fih in-nifsu, u qaddimha lin-nies l-oħra bħala xart tal-ħelsien tagħhom. Għad-deni wkoll, li huwa bħala tabib ta' ġens bin Adam, għarfu, u b'qawwa liema bħalha, ċaħdu, kellu ħniena bla tarf, saħansitra fetah bil-grazzja, f'qalb bin Adam, għejjun ta' ħelsien u ħajja.

"Araw: Jnigħaraf mid-dinja, kif Kristu, li jgħix issa wkoll fil-knisja tiegħu, jitħabbar lid-dinja, minn din in-naħa, minn din il-benniena li għarfet il-wasla tiegħu fid-dinja. U trid, għal hekk id-dinja, li tinsab hawn ma' dwarna, tilqa' l-lum, fl-Isem ta' Kristu, it-tislima tagħna, b'qimitna, u minn qalbna. Aħna nagħtu din it-tislima tagħna bil-qima l-aktar lil dawk li jistqarru Alla wieħed, u magħna jagħtu qima tad-Din tagħhom lil Veru Alla Wieħed, Alla Kbir u Ħaj, 'l Alla ta' Abraham, 'l Alla l-Għoli, li fuq din l-art infisha, jum wieħed, fil-bogħod tal-iżmna, imma mfakkar fil-Kotba Mqaddsa u fil-Ktieb tal-Quddiesa, Raġel misterjus, li tiegħu l-Kotba ma jagħrfu u la l-bidu anqas it-tmiem, u mal-Qdusija tiegħu r-Re Kristu ried ikun imxebbah, Melki-Sedeq, faħħar b ħ a l a : *Alla l-Għoli, Ħallieq is-sema u l-art.*

"Aħna l-Insara, immexxijin bit-tnebbiħ tas-sema, nafu li Alla jinsab fi Tliet Persuni Divini, Missier, Iben, u Ruħ il-Qodos; imma nistqarru dejjem li hi waħda n-natura Divina, Wieħed Hu Alla l-Ħaj u Veru. U lil dawn il-ġnus li jagħtu qima 'l Alla Wieħed, jixraq ukoll li tingħata minna xewqa ta' ħaqq u Sliema.

"U s-sliem tagħna jingħata wkoll lin-nies kollha fejn il-Missjonijiet Kattolki tagħna jwasslu l-Vanġelu, u miegħu wkoll stedina għat-tixrid tiegħu kull imkien, bħala ħmira taċ-ċiviltà tiegħu. U t-tislima tagħna l-lum ma jistax ikollha truf. Tislimitna taqbeż kull ħajt u trid tilħaq lin-nies kollha ta' rieda tajba; minn fuq ukoll, lin-nies li s'issa ma jurux ħniena għad-Djiena ta' Kristu, u jfittxu li jfixklu t-tixrid tagħha, u li jgħażżbu lill-Insara. Ukoll lil dawk li jmaqdru l-imġieba Kattolka u li jiċħdu 'l Alla u lil Kristu, aħna nagħtu t-tifkira tagħna muġugħa, u l-mistoqsija ħiedja tagħna: *Għaliex*?... *Għaliex*?

"U b'dawn il-ħsebijiet f'moħħna, u bit-talb f'qalbna, minn Betlehem, il-Pajjiż ta' Kristu fid-dinja, nitolbu għal ġens bin Adam kollu il-kotra ta Barket is-sema".

(*Tmiem*)

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

IL-BELT (Valletta) — Manwel u Ġulina Magri; Karmenu Caruana; Marija Stella Cachia; Anġlu Cauchi; Ġużeppa, Toninu u Karmenu Chircop; Ġużeppa u Girgor Frendo; Saver, Ġanni u Karmena Grech; Marija u Rożina Agius; Lonza u Duminku Farrugia; Spiru Scicluna; Ġovanni u Ġużè Gauci; Father Bernardinu Gauci; Pawlu u Toni Cremona; Karmenu u Karmena Chircop; Ġużeppi u Rożina Cachia; Ġuża, Ġanna u Ġiġa Busuttil; Pina, Evarista, Ġużeppa, Karmenu, Ġanna u Karmena Abela; Toninu u Teodoru Dalli; Ġużeppi u Rożina Xiberras; Ġużeppi Rapinett; Ġużeppi Chircop; Franġisku, Ersilja, Ġordana u Ġanna Portelli; Wiġi, Girgor, Karmenu, Salvu, Karmena u Karmenu Zahra; Ġorġa u Ġorġ Cini; Fredu Attard, Mary, Melita u Marjanna Buttigieg; Konċetta Cassar; Rożina Muscat; Karmena u Censu Fenech; Rużarja Saliba; Fredu Browning; John Steer; Mikelina, Ġanni, Karmena, Tona u Franġisku Camilleri; Salvu u Konċetta Tanti; Manwel u Emilja Farrugia; Marjetta u Karmenu Scalpello; Ġużeppi u Ġulja Borg; Vincenza u Ġużè Degiorgio; Katarina Galea; Alice Tarkington; Toninu u Karmena Fitzpatrick; Stella, Danjel u Joe Schembri; Ninu Caruana u Karmenu Grech; Grazzja Grech; Ġużeppi, Ġużeppa u Andrea Gaudia; Connie Panzavecchia; Kan. Dun Mikiel Cauchi; Ġanni u Nieża Cauchi; Ġanni u Sunta Borg; Veneranda u Ġużeppi Borg; Vincenza Dolou; Kristina Spiteri; Ġużeppi u Ġużeppa Bajada; Cecilja, Ġużeppi u Pawlu Portelli; Karmenu Apap; Ġanni Mallia; Marija Lwiża Cauchi; Marija Debono; Marija Cassar; Karmenu u Spiru Cachia; Ġorġ, Karolina u Ġanni Gatt; Rużar Gatt; Kurcifissa Abela; Pawla Gatt; Ġanni u Katarina Galea; Anġlu u Grezzja Galea; Toni, Mikelina, Feliċa, Grezzja, Agustinu u Salvu Abela; Mikiel u Lonza Mifsud; Marija Spiteri; Mimi Calejja; Marija Naudi; Marija Caruana; Dolor Vella; Anton Scotto; Ġużeppi Nappa; Ġerardu Magri; Karmenu Scotto; Pawlu Galdes; Kelinu Cilia; Toninu Pace; Ruġġieru Zarb; Toni Montreal; Ġużeppi Spiteri; Salvu Galdies; Żarenu Aquilina; Pawlu Brincat; Ġanna u Manwel Briffa; Ġużeppa, Duminku, Toni, Ġanni, Ġużeppi u Ġorġetta Briffa; Ġużeppi u Anjeża Brincat; Rita, Salvu, Ġużeppi, Xmun, Frans, Salvu u Mikiel Scicluna; Ġużeppi u Konċetta Buttigieg; Manwel u Ġużeppi Sultana; Karmenu Fenech; Manwel Cutajar; Vitor Frendo; Marija Grech; Ġużeppi, Karmena u Ġanni Azzopardi; Ġużeppi Camilleri; Mary Toninu, Censa, Anġlu u Marija Bezzina; Bernarda u Salvu Muscat; Dwardu, Rużarju u Ġużi Magri; Marija u Pawlu Cauchi; Marija Grech; Filomena u Ninu Abela; Lukarda u Fredu Debattista. Duminku u Mikiel Galea; Tereża u Fabbrizju Borg; Vincenza u Ġanni Gasan.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta'* ***Kristu.***

---

Is-sur Karm Lia, jirringrazzja lill-Madonna tal-Kalvarju għall-grazzja li qalagħtlu, u joffri nofs lira biex jiżżejjen l-artal tagħha.